Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 156

Volum 60

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 20 ta' Ġunju 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli** ([1]) 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1085 tad-19 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 891/2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor** 19

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1086 tad-19 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 634/2007 fir-rigward tal-karatterizzazzjoni tas-selenomet-jonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397** ([1]) 22

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1087 tad-19 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol** 24

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1088 tal-24 ta' Marzu 2017 dwar l-għajnuna mill-Istat SA. 35484 (2013/C) (ex SA. 35484 (2012/NN)) fir-rigward ta' ċerti submiżuri ta' riċerka ffinanzjati skont il-Liġi dwar il-Ħalib u x-Xaħam** *(notifikata bid-dokument C(2017) 1863)* 25

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1089 tas-16 ta' Ġunju 2017 li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE rigward l-inklużjoni tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, tal-Georgia u tar-Repubblika ta' Kiribati fil-lista tal-pajjiżi terzi u territorji li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem** *(notifikata bid-dokument C(2017) 4049)* ([1]) 34

Rettifika

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/850/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi regoli għad-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u r-rappurtar dwar il-kwalità tal-arja ambjentali** (ĠU L 335, 17.12.2011) 36

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni** (ĠU L 11, 17.1.2015) 38

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1084

tal-14 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a)(xiv) u l-Artikolu 1(1)(b) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([2]) jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern u eżenti mir-rekwiżit li jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel ma jingħataw. Ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 ħabbar li l-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tagħmel rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament bil-għan li jiġu inklużi kategoriji oħra ta' għajnuna, u b'mod partikolari għajnuna għal infrastruttura tal-portijiet u tal-ajruporti, ladarba tkun inkisbet biżżejjed esperjenza mill-każijiet.

(2) Fid-dawl tal-esperjenza li kisbet il-Kummissjoni u sabiex jiġu ssimplifikati u ċċarati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv li ġġib miegħu n-notifika ta' miżuri diretti ta' għajuna mill-Istat u biex il-Kummissjoni tkun tista' tiffoka fuq il-każijiet potenzjalment l-iktar distortivi, l-għajnuna għall-infrastrutturi tal-portijiet u tal-ajruporti jenħtieġ li tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014.

(3) Għajnuna għall-investiment lil ajruporti reġjonali b'volum medju ta' traffiku annwali ta' passiġġieri sa tliet miljun passiġġier tista' ttejjeb kemm l-aċċessibbiltà ta' ċerti reġjuni kif ukoll l-iżvilupp lokali, skont l-ispeċifiċitajiet ta' kull ajruport. B'hekk dan it-tip ta' investiment jappoġġa l-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku ulterjuri u għall-objettivi ta' interess komuni għall-Unjoni. L-esperjenza miksuba wara l-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat lill-ajruporti u lill-kumpaniji tal-ajru ([3]) turi li l-għajnuna

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).
([3]) ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3.

għall-investiment lil ajruporti reġjonali ma tagħtix lok għal distorsjoni mhux xierqa tal-kummerċ u l-kompetizzjoni, sakemm ċerti kundizzjonijiet jiġu ssodisfati. Għalhekk, l-għajnuna għall-investiment lil ajruporti reġjonali għandha tkun koperta mill-eżenzjoni ta' kategorija fir-Regolament (UE) Nru 651/2014, sakemm jiġu ssodisfati dawk il-kundizzjonijiet. Mhuwiex xieraq li jiġi stabbilit limitu għan-notifika f'termini tal-ammont tal-għajnuna, ladarba l-impatt kompetittiv ta' miżura ta' għajnuna jkun jiddependi prinċipalment fuq id-daqs tal-ajruport u mhux fuq id-daqs tal-għajnuna.

(4) Il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' għajnuna mir-rekwiżit ta' notifika għandu jkollhom l-għan li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jxekklu il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, b'mod partikolari billi tkun żgurata l-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna. Sabiex tkun proporzjonata, l-għajnuna għall-investiment għandha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex tkun iktar mill-intensità massima permissibbli tal-għajnuna, li tvarja skont id-daqs tal-ajruport. Barra minn hekk, l-ammont ta' għajnuna ma għandux ikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment. Fil-każ ta' ajruporti żgħar ħafna sa 200 000 passiġġier fis-sena, l-għajnuna għall-investiment għandha tkun meħtieġa biss li tissodisfa waħda minn dawk il-kundizzjonijiet. Il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għandhom jiżguraw aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. L-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għal għajnuna għall-investiment li tingħata lil ajruporti li jinsabu fil-viċinanzi ta' ajruport eżistenti fejn jitħaddmu servizzi bl-ajru skedati, minħabba li għajnuna ta' dak it-tip lil ajruporti bħal dawk iġġib magħha riskju akbar ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u għalhekk trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna mogħtija lil ajruporti żgħar ħafna sa 200 000 passiġġier fis-sena, fejn mhux probabbli li din tirriżulta f'distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

(5) Għajnuna operatorja lil ajruporti żgħar ħafna sa 200 000 passiġġier fis-sena ma tagħtix lok għal distorsjoni eċċessiva ta' kummerċ u kompetizzjoni, sakemm jiġu sodisfati ċerti kundizzjonijiet. Il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għandhom jiżguraw li l-ammont ta' għajnuna ma jkunx iktar mit-telf operatorju u profitt raġonevoli u li jkun hemm aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. Barra minn hekk, l-ebda għajnuna ma għandha tingħata taħt il-kundizzjoni li operatur ta' ajruport jikkonkludi arranġamenti ma' kumpanija tal-ajru waħda jew iktar li għandhom x'jaqsmu mal-imposti tal-ajruport, pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni jew ma' aspetti finanzjarji oħra fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-linja tal-ajru f'dak l-ajruport. L-arranġamenti bejn ajruport li għandu riżorsi pubbliċi għad-dispożizzjoni tiegħu u linja tal-ajru jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lill-linja tal-ajru kkonċernata ([1]), u dik għajnuna għandha tibqa' kompletament soġġetta għar-rekwiżit ta' notifika fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(6) Il-portijiet marittimi huma ta' importanza strateġika għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern u t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Istrateġija Ewropa 2020 u fil-White Paper tal-Kummissjoni "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi" ([2]). Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni "Portijiet: magna għat-tkabbir" ([3]), it-tħaddim effettiv tal-portijiet kollha fir-reġjuni marittimi tal-Unjoni jeħtieġ investiment pubbliku u privat. L-investimenti huma meħtieġa, b'mod partikolari, għall-adattament tal-infrastruttura ta' aċċess tal-portijiet u tal-infrastruttura tal-portijiet għaż-żieda fid-daqs u fil-kumplessità tal-flotta, għall-użu ta' infrastruttura ta' fjuwil alternattiva u għal rekwiżiti iktar stretti dwar il-prestazzjoni ambjentali. In-nuqqas ta' infrastruttura tal-port ta' kwalità tajba tirriżulta f'konġestjoni u spejjeż żejda għal kumpaniji tat-tbaħħir, għal operaturi tat-trasport u għall-konsumaturi.

(7) L-iżvilupp ta' portijiet interni u l-integrazzjoni tagħhom f'trasport multimodali huwa objettiv ewlieni tal-politika tat-trasport tal-Unjoni. Ir-regoli tal-Unjoni għandhom l-għan espliċitu li jsaħħu l-intermodalità tat-trasport u l-bidla lejn modi ta' trasport li jirrispettaw iktar l-ambjent bħat-trasport bil-ferrovija u bil-baħar/fuq passaġġi tal-ilma interni.

(8) Il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' għajnuna lil portijiet mir-rekwiżit ta' notifika għandu jkollhom l-għan li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jxekklu l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, b'mod partikolari billi tkun żgurata l-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna. Sabiex tkun proporzjonata, l-għajnuna għandha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet. L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex tkun iktar mill-intensità massima permissibbli ta' għajnuna, li għall-portijiet marittimi tvarja skont id-daqs tal-proġett ta' investiment. Barra minn hekk, l-ammont ta' għajnuna ma għandux ikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment, ħlief fil-każ ta' ammonti żgħar ħafna ta' għajnuna li għalihom huwa xieraq li jittieħed approċċ simplifikat sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li kull konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni, ittejjeb, topera u/jew tikri l-infrastruttura ta' port megħjuna tkun assenjata fuq bażi kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u mhux kundizzjonata, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet, fejn applikabbli. Għandu jkun żgurat ukoll aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura.

([1]) Ara b'mod partikolari t-taqsima 3.5 tal-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u għall-linji tal-ajru.
([2]) COM(2011) 144.
([3]) COM(2013) 295.

(9) L-investimenti inklużi fil-pjanijiet ta' ħidma tal-kurituri tan-netwerk ewlieni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) huma proġetti ta' interess komuni b'mod partikolari b'interess strateġiku għall-Unjoni. Il-portijiet marittimi li jagħmlu parti minn dawk in-netwerks huma l-punti tad-dħul u ta' ħruġ ta' oġġetti li qed jiġu ttrasportati 'l ġewwa u 'l barra mill-Unjoni. Il-portijiet interni li jagħmlu parti minn dawk in-netwerks huma fatturi ewlenin li jippermettu l-multimodalità tan-netwerk. Investimenti bl-għan li jtejbu l-prestazzjoni ta' dawk il-portijiet għandhom jibbenefikaw minn limitu għola ta' notifika.

(10) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba wara l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ([2]), huwa wkoll xieraq li jiġu adattati ċerti dispożizzjonijiet ta' dawk ir-Regolamenti.

(11) B'mod partikolari rigward l-iskemi operatorji ta' għajnuna reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi, l-applikazzjoni ta' regoli differenti ta' kumpens għal spejjeż addizzjonali ta' trasport u ta' spejjeż addizzjonali oħra kienet diffiċli fil-prattika u mhux xierqa biex tindirizza n-nuqqasijiet strutturali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 349 tat-Trattat, id-distanza u l-insularità, iċ-ċokon, topografija u klima diffiċli, id-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, li minħabba l-permanenza u l-fatt li jiġu kkumbinati flimkien jirrestrinġu ħafna l-iżvilupp tagħhom, u d-dispożizzjonijiet għandhom għalhekk jiġu sostitwiti b'metodu li japplika għall-ispejjeż addizzjonali kollha. L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' investiment u ta' għajnuna operatorja reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi li, fost l-oħrajn, ikunu ta' benefiċċju għall-impriżi attivi fis-settur tas-sajd għandha tkun konformi mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali fejn hija parti kontraenti. Għalhekk, dawk il-miżuri ta' investiment u għajnuna operatorja reġjonali m'għandhomx jibbenefikaw bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat jew jikkontribwixxu għal sajd żejjed jew għal żieda fil-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti.

(12) Fid-dawl tal-effetti negattivi limitati fuq il-kompetizzjoni li għandhom l-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u l-għajnuna għal infrastrutturi sportivi u multifunzjonali, il-llimiti ta' notifika għal għajnuna f'dawk l-oqsma għandhom jiżdiedu.

(13) Sabiex jiġi simplifikat il-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 għal operazzjonijiet li huma, mill-inqas, parzjalment iffinanzjati permezz ta' fond tal-Unjoni li jippermetti l-użu ta' għażliet simplifikati għall-ispejjeż, id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż eliġibbli jenħtieġ li jkunu adattati.

(14) Skont l-istrument għall-SMEs ta' Horizon 2020 kif imsemmi fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-proġetti jistgħu jirċievu t-tikketta tal-kwalità tas-Siġill tal-Kummissjoni ta' Eċċellenza. Proġetti bħal dawn, minħabba l-ammonti limitati ta' għajnuna ta' massimu ta' EUR 2,5 miljun għal kull proġett u l-fatt li huma immirati esklussivament lejn l-SMEs, jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika skont ir-regoli tar-Regolament (UE) Nru 651/2014.

(15) Jenħtieġ għalhekk, li r-Regolament (UE) Nru 651/2014 u r-Regolament (UE) Nru 702/2014 jiġu emendati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 651/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 hu emendat kif ġej:

(i) il-punti (k) u (l) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(k) l-għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta' rikreazzjoni multifunzjonali;

(l) l-għajnuna għall-infrastrutturi lokali;";

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

(ii) għandhom jiżdiedu l-punti (m) u (n) li ġejjin:

"(m) l-għajnuna għall-ajruporti reġjonali;

(n) l-għajnuna għall-portijiet.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

(a) għajnuna mogħtija lis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, kif koperta mir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) bl-eċċezzjoni għal għajnuna għat-taħriġ, għajnuna għall-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, għajnuna fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs, u għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġati u għall-ħaddiema b'diżabbiltà u għajnuna għall-investiment reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-iskemi operatorji ta' għajnuna reġjonali;

(b) għajnuna mogħtija fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna għall-investiment reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, l-iskemi ta' għajnuna operattiva reġjonali, l-għajnuna għal konsultazzjoni favur l-SMEs, għajnuna għall-finanzjament tar-riskju, għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, għajnuna lill-SME's għall-innovazzjoni, għajnuna ambjentali, għajnuna għat-taħriġ u għajnuna għall-ħaddiema żvantaġġati u għall-ħaddiema b'diżabilità;

(c) għajnuna mogħtija lis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn l-ammont tal-għajnuna jiġi stabbilit skont il-prezz jew il-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;

(ii) fejn l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;

(d) għajnuna biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi, kif kopert bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE (**);

(e) il-kategoriji ta' għajnuna reġjonali msemmija fl-Artikolu 13.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

(**) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24).";

(c) il-paragrafu 4 hu emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) skemi ta' għajnuna li ma jeskludux espliċitament il-ħlas tal-għajnuna individwali favur impriża li tkun soġġetta għal ordni pendenti ta' rkupru wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni fejn l-għajnuna mogħtija mill-istess Stat Membru hija ddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali;";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għajnuna lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali, l-iskemi ta' għajnuna tal-bidu u l-iskemi għal għajnuna operatorja reġjonali, sakemm dawn l-iskemi ma jiffavorixxux l-impriżi f'diffikultà iktar mill-impriżi l-oħrajn.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (39) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(39) 'qligħ operatorju' tfisser id-differenza bejn id-dħulijiet skontati u l-ispejjeż operatorji skontati tul il-ħajja ekonomika tal-investiment, meta dik id-differenza hija pożittiva. L-ispejjeż operatorji jinkludu spejjeż bħal spejjeż marbut mal-persunal, materjali, kuntratti ta' servizz, komunikazzjoni, enerġija, manutenzjoni, kera, amministrazzjoni, iżda jeskludu spejjeż b'rabta mad-deprezzament u l-ispejjeż tal-iffinanzjar jekk dawk ikunu ġew koperti mill-għajnuna għall-investiment. Meta d-dħul u l-ispejjeż operatorji jiġu skontati bl-użu ta' rata ta' skont xierqa jkun jista' jsir profitt raġonevoli;";

(b) il-punt (42) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(42) 'għajnuna operatorja reġjonali' tfisser għajnuna li tnaqqas in-nefqa kurrenti tal-impriża. Din tinkludi kategoriji ta' spejjeż bħal spejjeż ta' persunal, materjali, kuntratti ta' servizz, komunikazzjoni, enerġija, manutenzjoni, kera, amministrazzjoni, iżda teskludi l-ispejjeż marbuta mad-deprezzament u dawk tal-iffinanzjar jekk ikunu ġew inklużi fl-ispejjeż eleġibbli meta ngħatat l-għajnuna għall-investiment;";

(c) il-punt (48) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(48) 'żoni skarsament popolati' tfisser reġjuni tan-NUTS 2 b'inqas minn 8 abitanti għal kull km² jew reġjuni tan-NUTS 3 b'inqas minn 12,5 abitanti għal kull km² jew żoni li huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni bħala tali f'deċiżjoni individwali fuq mappa ta' għajnuna reġjonali fis-seħħ fil-mument li tingħata l-għajnuna;";

(d) jiddaħħal il-punt (48a) li ġej:

"(48a) 'żoni ħafna skarsament popolati' tfisser reġjuni tan-NUTS 2 b'inqas minn 8 abitanti għal kull km² jew żoni li huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni bħala tali f'deċiżjoni individwali fuq mappa ta' għajnuna reġjonali fis-seħħ fil-mument li tingħata l-għajnuna;";

(e) il-punt (55) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(55) 'iż-żoni eliġibbli għall-għajnuna operatorja' tfisser reġjun ultraperiferiku msemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat, żona skarsament popolata, jew żona ħafna skarsament popolata;";

(f) jiddaħħal il-punt (61a) li ġej:

"(61a) 'rilokazzjoni' tfisser it-trasferiment ta' attività identika jew simili jew parti minnha minn stabbiliment f'parti kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE (l-istabbiliment inizjali) għall-istabbiliment fejn l-investiment megħjun għandu jseħħ f'parti kontraenti oħra tal-Ftehim taż-ŻEE (l-istabbiliment li ġie megħjun). Ikun hemm trasferiment jekk il-prodott jew is-servizz fl-istabbiliment inizjali u dak megħjun iservi tal-inqas parzjalment l-istess għanijiet u jilħaq it-talbiet jew il-ħtiġijiet tal-istess tip ta' klijenti u jintilfu impjiegi f'attività identika jew simili f'wieħed mill-istabbilimenti tal-benefiċjarju fiż-ŻEE;";

(g) wara l-punt 143, jiddaħħlu t-titoli u l-punti (144) sa (165) li ġejjin:

"Definizzjonijiet ta' Għajnuna għal ajruporti reġjonali

(144) 'infrastruttura tal-ajruport' tfisser infrastruttura u tagħmir għall-provvista ta' servizzi tal-ajruport mill-ajruport lil-linji tal-ajru u lill-fornituri varji tas-servizzi, inklużi r-runways, it-terminals, ir-rampa tal-ajruport, it-taxiways, l-infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling u kull faċilità oħra li tappoġġa direttament lis-servizzi tal-ajruport, esklużi l-infrastruttura u t-tagħmir, li huma primarjament meħtieġa biex jiġu segwiti attivitajiet mhux ajrunawtiċi;

(145) 'linja tal-ajru' tfisser kull linja tal-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru jew minn Membru tal-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(146) 'ajruport' tfisser entità jew grupp ta'entitajiet li jwettqu l-attività ekonomika li tipprovdi servizzi tal-ajruport lil-linji tal-ajru;

(147) 'servizzi tal-ajruport' tfisser servizzi pprovduti lil-linji tal-ajru minn ajruport jew kull wieħed mis-sussidjarji tiegħu biex ikun żgurat l-immaniġġar tal-inġenji tal-ajru, mill-inżul sat-tluq, u tal-passiġġieri u l-merkanzija, biex jippermettu li l-linji tal-ajru jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru; inkluża l-provvista ta' servizzi ta' groundhandling u l-provvista ta' infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling;

(148) 'traffiku annwali medju tal-passiġġieri' tfisser ċifra ddeterminata fuq il-bażi tat-traffiku tal-passiġġieri deħlin u dawk ħerġin matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha tkun ingħatat l-għajnuna;

(149) 'infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling' tfisser infrastruttura li normalment hija mħaddma mill-maniġer tal-ajruport u mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' diversi fornituri tas-servizzi tal-groundhandling li huma attivi f'ajruport bi skambju għal remunerazzjoni, eskluż tagħmir proprjetà ta' fornituri ta' servizzi ta' groundhandling jew imħaddma minnhom;

(150) 'tren ta' veloċità kbira' tfisser tren li kapaċi jlaħħaq veloċità ta' iktar minn 200 km/h;

(151) 'servizzi ta' groundhandling' tfisser is-servizzi pprovduti lill-utenti tal-ajruporti fl-ajruporti kif deskritt fl-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE (**);

(152) 'attivitajiet mhux ajrunawtiċi' tfisser servizzi kummerċjali lil-linji tal-ajru jew lil utenti oħra tal-ajruport, bħal servizzi anċillari għal passiġġieri, trasportaturi tal-merkanzija jew fornituri oħra tas-servizz, il-kiri ta' uffiċċji u ħwienet, parkeġġi u lukandi;

(153) 'ajruport reġjonali' tfisser kull ajruport b'volum medju ta' traffiku annwali ta' passiġġieri sa 3 miljun passiġġier;

Definizzjonijiet għall-Għajnuna għall-portijiet

(154) 'port' tfisser żona ta' art u ilma b'infrastruttura u tagħmir simili, li jippermetti li jiġu akkomodati bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, l-aċċettazzjoni u l-kunsinna ta' dawk il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri, l-ekwipaġġ u persuni oħra u kull infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fiż-żona tal-port;

(155) 'port marittimu' tfisser port li prinċipalment jakkomoda bastimenti fuq l-ilma bil-baħar;

(156) 'port intern' tfisser port ieħor għajr port marittimu, biex jakkomoda bastimenti li jbaħħru fuq passaġġi fuq l-ilma interni;

(157) 'infrastruttura tal-portijiet' tfisser infrastruttura u faċilitajiet għall-forniment ta' servizzi portwarji relatati mat-trasport, inklużi irmiġġi użati għall-irmiġġ ta' bastimenti, ħitan tal-mollijiet, mollijiet u rampi tal-pontun varjabbli f'żoni tal-marea, baċiri interni, backfills u reklamazzjoni tal-art, infrastruttura ta' fjuwil alternattiv u infrastruttura għall-ġbir ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u r-residwi tal-merkanzija;

(158) 'sovrastruttura tal-port' tfisser arranġamenti tas-superfiċje (bħal pereżempju għall-ħżin), apparat fiss (bħal imħażen u bini tat-terminals) kif ukoll it-tagħmir mobbli (bħal krejnijiet) li jinsab f'port għall-forniment ta' servizzi portwarji relatati mat-trasport;

(159) 'infrastruttura għall-aċċess' tfisser kull tip ta' infrastruttura meħtieġa biex jiġu żgurati l-aċċess u d-dħul mill-art jew mill-baħar u mix-xmajjar mill-utenti għal port, jew f'port, bħal toroq, linji ferrovjarji, kanali ta' aċċess u locks;

(160) 'tħammil' tfisser it-tneħħija ta' sedimenti minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port jew f'port;

(161) 'infrastruttura għall-fjuwils alternattivi' tfisser infrastruttura tal-port fissa, mobbli jew offshore li tippermetti li port jipprovdi bastimenti b'sorsi ta' enerġija bħall-elettriku, l-idroġenu, il-bijofjuwils kif iddefiniti fil-punt (i) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/28/KE, il-karburanti sintetiċi u paraffiniċi, il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (gass naturali kkompressat (CNG)) u f'forma likwifikata (gass naturali likwifikat (LNG)) u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) li iservu, mill-inqas parzjalment, ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport;

(162) 'bastimenti' tfisser strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma, sew jekk awtopropulsivi jew le, li jkollhom buq ta' spostament wieħed jew iktar;

(163) 'bastimenti tal-baħar' tfisser bastimenti ta' xort'oħra minn dawk li jbaħħru biss jew prinċipalment fuq passaġġi fuq l-ilma interni jew f'ilmijiet imkennija jew li jmissu mill-qrib magħhom;

(164) 'bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni' tfisser bastimenti maħsuba esklużivament jew prinċipalment biex ibaħħru f'passaġġi fuq l-ilma interni jew f'ilmijiet imkennija jew li jmissu mill-qrib magħhom;

(165) 'infrastrutturi għall-ġbir tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti u l-fdalijiet mill-merkanzija' tfisser faċilitajiet tal-port fissi, li jżommu f'wiċċ l-ilma jew mobbli u kapaċi jirċievu l-iskart iġġenerat mill-bastimenti u mill-fdalijiet tal-merkanzija kif definit fid-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36).

(***) Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81).";

(3) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (z) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(z) għal għajnuna għall-investiment għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju: EUR 150 miljun għal kull proġett; l-għajnuna operatorja għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju: EUR 75 miljun għal kull impriża kull sena;";

(b) il-punt (bb) huwa sostitwit b'dan li kif ġej:

"(bb) għal għajnuna għall-ininvestiment għall-isport u għall-infrastrutturi rikreazzjonali multifunzjonali: EUR 30 miljun jew l-ispejjeż totali li jaqbżu EUR 100 miljun għal kull proġett; l-għajnuna operatorja għall-infrastruttura sportiva: EUR 2 miljuni għal kull infrastruttura fis-sena;";

(c) għandhom jiżdiedu l-punti (dd), (ee) u (ff) li ġejjin:

"(dd) għal għajnuna għal ajruporti reġjonali: l-intensitajiet tal-għajnuna u l-ammonti ta' għajnuna stabbiliti fl-Artikolu 56a;

(ee) għal għajnuna għal portijiet marittimi: spejjeż eleġibbli ta' EUR 130 miljun għal kull proġett (jew EUR 150 miljun għal kull proġett f'port marittimu inkluż fil-pjan ta' ħidma ta' Kuritur tan-Netwerk Ewlieni kif imsemmi fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*); fir-rigward tat-tħammil, proġett hu definit bħala kwalunkwe tħammil imwettaq f'perjodu ta' sena kalendarja;

(ff) għal għajnuna għal portijiet interni: spejjeż eleġibbli ta' EUR 40 miljun għal kull proġett (jew EUR 50 miljun għal kull proġett f'port intern inkluż fil-pjan ta' ħidma ta' Kuritur tan-Netwerk Ewlieni kif imsemmi fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013); fir-rigward tat-tħammil, proġett hu definit bħala kwalunkwe tħammil imwettaq f'perjodu ta' sena kalendarja.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).";

(4) fl-Artikolu 5(2), jiżdied il-punt (k) li ġej:

"(k) għajnuna fil-forma ta' bejgħ jew kiri ta' assi tanġibbli b'rati iktar baxxi mir-rati tas-suq fejn il-valur huwa stabbilit permezz ta' evalwazzjoni minn esperti indipendenti qabel it-tranżazzjoni jew b'referenza għal punt ta' riferiment disponibbli pubblikament u aġġornat regolarment u ġeneralment aċċettat.";

(5) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-għajnuna operatorja reġjonali u l-għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali, fejn il-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 ikunu ġew issodisfati;";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej;

"(d) l-għajnuna li tikkumpensa għall-spejjeż addizzjonali biex jiġu impjegati ħaddiema b'diżabilità u għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati, fejn il-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 ikunu ġew issodisfati;";

(6) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"L-ammonti ta' spejjeż eleġibbli jistgħu jiġu kkalkolati skont l-opzjonijiet tal-ispejjeż simplifikati previsti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), sakemm l-operazzjoni tkun mill-inqas finanzjata parzjalment permezz ta' fond tal-Unjoni li jippermetti li jintużaw dawk l-opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati u li l-kategorija ta' spejjeż tkun eliġibbli skont id-dispożizzjoni ta' eżenzjoni rilevanti.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-għajnuna pagabbli fil-futur, inkluża għajnuna f'għadd ta' pagamenti, għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata.";

(c) jitħassar il-paragrafu 4;

(7) fl-Artikolu 8, għandu jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 6, meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-limiti massimi ta' għajnuna operatorja reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 15(4), humiex rispettati, għandha titqies biss l-għajnuna operatorja reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi implimentata skont dan ir-Regolament.";

(8) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Monitoraġġ

1. Biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-għajnuna eżentata min-notifika minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri, jew inkella, f'każ li l-għajnuna tkun ingħatat lill-proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, l-Istat Membru li fih tinsab l-Awtorità Maniġerjali, għandhom iżommu reġistri dettaljati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa biex jistabbilixxu li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dawn ir-reġistri għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna *ad hoc* jew tkun ingħatat l-aħħar għajnuna skont l-iskema.

2. Fil-każ ta' skemi li fihom tingħata għajnuna fiskali fuq bażi awtomatika, bħal dawk ibbażati fuq dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-benefiċjarji, u fejn ma tkun saret l-ebda verifika *ex ante* li l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà jkunu ġew issodisfati kollha minn kull benefiċjarju, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw b'mod regolari, mill-inqas fuq bażi *ex post* u fuq bażi ta' kampjuni, li l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà huma ssodisfati, u għandhom jaslu għall-konklużjonijiet neċessarji. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistri dettaljati tal-verifiki għal mill-inqas 10 snin mid-data tal-kontrolli.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob, minn kull Stat Membru, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha li l-Kummissjoni tqis neċessarji biex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba u d-dokumenti ta' sostenn fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta jirċievi it-talba jew f'perjodu itwal li jista' jiġi stabbilit fit-talba.";

(9) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna reġjonali

Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) għajnuna li tiffavorixxi attivitajiet fis-settur tal-azzar, fis-settur tal-faħam, fis-settur tal-bini tal-bastimenti u fis-settur tal-fibri sintetiċi;

(b) għajnuna għas-settur tat-trasport kif ukoll għall-infrastruttura relatata, u għajuna għall-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni u l-infrastruttura tal-enerġija ħlief għal għajnuna ta' investiment reġjonali u skemi tal-għajnuna operatorja reġjonali;

(c) għajnuna reġjonali fil-forma ta' skemi li huma mmirati lejn għadd limitat ta' setturi speċifiċi ta' attività ekonomika; skemi mmirati lejn attivitajiet turistiċi, l-infrastrutturi broadband jew l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli mhumiex ikkunsidrati li huma mmirati lejn setturi speċifiċi tal-attività ekonomika;

(d) l-għajnuna operatorja reġjonali li tingħata lil impriżi li l-attività ewlenija tagħhom taqa' taħt it-Taqsima K 'Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni' tan-NACE Rev. 2 jew lil impriżi li jwettqu attivitajiet intragrupp li l-attività ewlenija tagħhom taqa' taħt il-klassijiet 70.10 'Attivitajiet tal-uffiċċji ċentrali' jew 70.22 'In-negozju u attivitajiet oħra ta' konsulenza maniġerjali' tan-NACE Rev. 2."

(10) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' akkwist tal-assi ta' stabbiliment skont it-tifsira tal-punt 49 jew il-punt 51 tal-Artikolu 2, jitqiesu biss l-ispejjeż ta' xiri tal-assi mingħand partijiet terzi mhux relatati max-xerrej.";

(b) fil-paragrafu 7, l-ewwel sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Għal għajnuna mogħtija lil impriż kbar biex iwettqu bidla fundamentali fil-proċess tal-produzzjoni, l-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu iktar mid-deprezzament tal-assi marbuta mal-attività li tkun trid tiġi mmodernizzata matul it-tliet snin fiskali preċedenti.";

(c) għandhom jiżdiedu l-paragrafi 16 u 17 li ġejjin:

"16. Il-benefiċjarju għandu jikkonferma li ma wettaqx rilokazzjoni tal-istabbiliment fejn għandu jsir l-investiment inizjali li għalih tintalab l-għajnuna, fis-sentejn ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna u jimpenja ruħu li mhux se jagħmel rilokazzjoni fi żmien sentejn wara li jitlesta l-investiment inizjali li għalih tintalab l-għajnuna.

17. Fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, l-għajnuna ma għandhiex tingħata lil impriżi li wettqu ksur wieħed jew iktar minn dawk elenkati fl-Artikolu 10(1)(a) sa (d) u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u għal operazzjonijiet tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).";

(11) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Għajnuna operatorja reġjonali

1. L-iskemi operatorji ta' għajnuna reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, fiż-żoni skarsament popolati u fiż-żoni ħafna skarsament popolati għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u jkunu eżentati mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.

2. F'żoni skarsament popolati, l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għandhom jikkumpensaw għall-ispejjeż addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li jkunu ġew prodotti fl-żoni eliġibbli għal għajnuna operatorja, kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li jkunu pproċessati iktar f'dawk iż-żoni, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għajnuna tkun kwantifikabbli oġġettivament bil-quddiem skont ammont fiss jew proporzjon għal kull tunnellata/kilometru jew xi unità oħra rilevanti;

(b) l-ispejjeż addizzjonali tat-trasport huma kkalkulati abbażi tal-vjaġġ tal-oġġetti ġewwa l-fruntieri nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat permezz ta' mezz ta' trasport li jiswa l-inqas għall-benefiċjarju.

L-intensità tal-għajnuna ma tkunx iktar minn 100 % tal-ispejjeż ta' trasport addizzjonali stabbiliti f'dan il-paragrafu.

3. F'żoni ħafna skarsament popolati, l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għandhom jipprevjenu jew inaqqsu d-depopolazzjoni skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-benefiċjarji jkollhom l-attività ekonomika tagħhom fiż-żona kkonċernata;

(b) l-ammont annwali ta' għajnuna għal kull benefiċjarju taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna operatorja ma tkunx iktar minn 20 % tal-ispejjeż tax-xogħol annwali mġarrba mill-benefiċjarju fiż-żona kkonċernata.

4. Fir-reġjuni ultraperiferiċi, skemi ta' għajnuna operatorja jikkumpensaw għall-ispejjeż operatorji addizzjonali mġarrba f'dawk ir-reġjuni bħala effett dirett ta' wieħed jew iktar mill-iżvantaġġi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, fejn il-benefiċjarji jkollhom l-attività ekonomika tagħhom f'reġjun ultraperiferiku sakemm l-ammont ta' għajnuna annwali għal kull benefiċjarju taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna operatorja implimentati skont dan ir-Regolament ma jkunx iktar minn kwalunkwe mill-persentaġġi li ġejjin:

(a) 35 % tal-valur miżjud gross maħluq annwalment mill-benefiċjarju fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat;

(b) 40 % tal-ispejjeż annwali kollha tal-lavranti mġarrba mill-benefiċjarju fir- reġjun ultraperiferiku kkonċernat;

(c) 30 % tal-fatturat nett annwali tal-benefiċjarju magħmul mill-benefiċjarju fir-reġjun l-iktar imbiegħed ikkonċernat.";

(12) fl-Artikolu 21, il-paragrafu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"Miżura ta' finanzjament ta' riskju li tipprovdi garanziji jew self lill-impriżi eliġibbli jew tipprovdi investiment ta' kważi ekwità bħala dejn lil intrapriżi eliġibbli, għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) f'każ ta' self u investimenti ta' kważi ekwità strutturati bħala dejn, huwa l-ammont nominali tal-istrument li jitqies fil-kalkolu tal-ammont massimu tal-investiment għall-iskopijiet ta' paragrafu 9;";

(13) fl-Artikolu 22 il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-impriżi eliġibbli huma kwalunkwe intrapriża żgħira li ma tkunx elenkata sa ħames snin wara r-reġistrazzjoni tagħha, li tissodisfa il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tkunx wirtet l-attività ta' intrapriża oħra;

(b) ma tkunx għadha iddistribwiet il-profitti;

(c) ma tkunx ġiet iffurmata permezz ta' fużjoni.

Għal impriżi eliġibbli li mhumiex soġġetti għal reġistrazzjoni, il-perjodu ta' eliġibbiltà ta' ħames snin jista' jitqies li jibda mill-mument meta l-intrapriża tibda l-attività ekonomika tagħha jew tkun soġġetta għat-taxxa minħabba l-attività ekonomika tagħha.

B'deroga mill-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-intrapriżi ffurmati permezz ta' fużjoni bejn impriżi eliġibbli għall-għajnuna skont dan l-Artikolu għandhom ukoll jitqiesu bħala impriżi eliġibbli sa ħames snin mid-data tar-reġistrazzjoni tal-eqdem intrapriża li tipparteċipa fil-fużjoni.";

(14) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-għajnuna għal proġetti ta' riċerka u żvilupp, inklużi proġetti li rċevew tikketta tal-kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont l-instrument għall-SMEs Horizon 2020, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I.";

(15) fl-Artikolu 31(3), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) l-ispejjeż operatorji tal-ħarrieġ u tal-apprendisti relatati direttament mal-proġett ta' taħriġ bħall- ispejjeż tal-ivvjaġġar, materjal u fornituri relatati direttament mal-proġett, id-deprezzament ta' għodda u ta' tagħmir, sakemm jintużaw esklussivament għall-proġett ta' taħriġ;";

(16) fl-Artikolu 52, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Bħala alternattiva għall-istabbiliment ta' spejjeż eleġibbli kif ipprovdut fil-paragrafu 2, l-ammont massimu ta' għajnuna għal proġett jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' proċess ta' għażla kompetittiva kif meħtieġ mill-paragrafu 4.";

(17) L-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) mużewijiet, arkivji, libreriji, ċentri jew spażji artistiċi u kulturali, teatri, ċinemas, teatri tal-opra, swali tal-kunċerti, organizzazzjonijiet oħra ta' spettaklu, istituzzjonijiet tal-patrimonju tal-films u infrastrutturi artistiċi u kulturali, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet oħrajn simili;";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Għal għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 2 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 6 u 7.";

(c) fil-paragrafu 9, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-attivitajiet definiti fil-paragrafu 2(f), l-ammont massimu ta' għajnuna m'għandhuxikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u d-dħul skontat tal-proġett u lanqas minn 70 % tal-ispejjeż eleġibbli."

(18) Fl-Artikolu 54(4), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fiż-żewġ każijiet, in-nefqa massima soġġetta għall-obbligi ta' -nefqa territorjali fl-ebda każ ma għandha tkun iktar minn 80 % tal-baġit globali tal-produzzjoni.

Sabiex il-proġetti jkunu eliġibbli għall-għajnuna, Stat Membru jista' jitlob ukoll livell minimu ta' attività ta' produzzjoni fit-territorju kkonċernat, iżda dak il-livell ma għandux ikun iktar minn 50 % tal-baġit kumplessiv tal-produzzjoni.";

(19) fl-Artikolu 55 il-paragrafu 12 jinbidel b'dan li ġej:

"12. Għal għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 2 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 10 u 11.";

(20) it-taqsimiet 14 u 15 li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 56:

"*TAQSIMA 14*

Għajnuna għal ajruporti reġjonali

Artikolu 56a

Għajnuna għal ajruporti reġjonali

1. L-għajnuna għall-investiment għal ajruport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 14 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-għajnuna operatorja għal ajruport għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3, 4, 10 u 15 sa 18 ta' dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

3. L-ajruport għandu jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha. Fil-każ ta' limitazzjoni fiżika tal-kapaċità, l-allokazzjoni ssir fuq il-bażi ta' kriterji pertinenti, objettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

4. L-għajnuna ma tingħatax għal rilokazzjoni tal-ajruporti eżistenti jew il-ħolqien ta' ajruport tal-passiġġieri ġdid, inkluża l-konverżjoni ta' mitjar eżistenti f'ajruport tal-passiġġieri.

5. L-investiment ikkonċernat ma għandux ikun iktar minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi akkomodat it-traffiku mistenni fuq terminu medju, fuq il-bażi ta' previżjonijiet tat-traffiku raġonevoli.

6. L-għajnuna għall-investiment ma għandhiex tingħata lil ajruport li jinsab 100 kilometru 'l bogħod jew 60 minuta ta' vvjaġġar bil-karozza, bix-xarabank, ferrovija jew ferrovija ta' velocità għolja minn ajruport eżistenti minn liema jitħaddmu servizzi tal-ajru skedati, fis-sens tal-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

7. Il-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal ajruporti li l-medja annwali tagħhom ta' traffiku ta' passiġġieri mhix iktar minn 200 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija jekk l-għajnuna għall-investiment mhix mistennija li żżid il-medja tat-traffiku annwali tal-passiġġieri tal-ajruport għal iktar minn 200 000 passiġġier fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna. Għajnuna għall-investiment mogħtija lil ajruporti bħal dawn għandha tkun konformi mal-paragrafu 11 jew mal-paragrafi 13 u 14.

8. Il-paragrafu 6 m'għandux japplika fejn l-għajnuna għall-investiment tingħata lil ajruport li jinsab fid-distanza ta' 100 kilometru minn ajruporti eżistenti fejn huma operati servizzi tal-ajru skedati, fis-sens tal-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, sakemm ir-rotta bejn kull wieħed minn dawk l-ajruporti eżistenti l-oħrajn u l-ajruport li jirċievi l-għajnuna neċessarjament tinvolvi mill-inqas total ta' 90 minuta ta' vjaġġar permezz ta' trasport marittimu jew trasport bl-ajru.

9. L-għajnuna għall-investiment ma tingħatax lil ajruporti li l-mejda tagħhom ta' traffiku tal-passiġġieri annwali hija iktar minn tliet miljun passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija. L-għajnuna għall-investiment ma għandhiex tkun mistennija li żżid il-medja tat-traffiku annwali tal-ajruport biex dik il-medja tkun iktar minn tliet miljun passiġġier fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna.

10. Din l-għajnuna m'għandhiex tingħata lil ajruporti li l-medja annwali tagħhom ta' traffiku ta' merkanzija tkun iktar minn 200 000 tunnellata ta' merkanzija matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija. M'għandhux ikun mistenni li l-għajnuna tirriżulta f'żieda fil-mejda tat-traffiku annwali ta' merkanzija tal-ajruport biex dik il-medja tkun iktar minn 200 000 tunnellata fis-sentejn finanzjarji wara l-għoti tal-għajnuna.

11. L-ammont ta' għajnuna għall-investiment ma għandux ikun iktar miid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment. Il-qligħ operatorju għandhu jitnaqqas mill-ispejjeż eleġibbli *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

12. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż relatati mal-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruport, inklużi l-ispejjeż tal-ippjanar.

13. L-ammont tal-għajnuna għall-investiment ma għandhux ikun iktar minn:

(a) 50 % tal-ispejjeż eleġibbli għal ajruporti b'medja annwali ta' traffiku tal-passiġġieri ta' miljun sa tliet miljun passiġġier matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija;

(b) 75 % tal-ispejjeż eleġibbli għal ajruporti b' medja ta' traffiku annwali ta' passiġġieri li ma jkunx iktar minn miljun passiġġier matul l-aħħar sentejn finanzjarji qabel is-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija.

14. L-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-paragrafu 13 jistgħu jiżdiedu b'20 punt perċentwali fil-każ ta' ajruporti li jinsabu f'reġjuni remoti.

15. L-għajnuna operatorja m'għandhiex tingħata lil ajruporti b' medja annwali ta' traffiku ta' passiġġieri li tkun iktar minn 200 000 passiġġier matul is-sentejn finanzjarji li jippreċedu s-sena li fiha l-għajnuna tkun effettivament mogħtija.

16. L-ammont tal-għajnuna operatorja m'għandhiex ktun iktar minn dak li huwa meħtieġ biex jitkopra t-telf operatorju u profitt raġonevoli matul il-perjodu rilevanti. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' pagamenti perjodiċi fissi *ex ante*, li m'għandhomx jiżdiedu matul il-perjodu li għalih tingħata l-għajnuna, jew fil-forma ta' ammonti definiti ex post abbażi tat-telf operatorju osservat.

17. L-għajnuna operatorja ma għandhiex titħallas fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja li matulha t-traffiku tal-passiġġieri annwali tal-ajruport ikun iktar minn 200 000 passiġġier.

18. L-għoti ta' għajnuna operatorja ma għandux ikun marbut mal-kundizzjoni li jkun hemm konklużjoni ta' arranġamenti ma' linji tal-ajru speċifiċi relatati ma' miżati tal-ajruport, il-pagamenti ta' kummerċjalizzazzjoni jew ma' aspetti finanzjarji oħra tal-operazzjonijiet tal-linji tal-ajru fl-ajruport ikkonċernat.

TAQSIMA 15

Għajnuna għal portijiet

Artikolu 56b

Għajnuna għal portijiet marittimi

1. L-għajnuna għal portijiet marittimi għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-ippjanar, ta':

(a) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' portijiet marittimi;

(b) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' aċċess;

(c) tħammil.

3. L-ispejjeż marbuta ma' attivitajiet mhux relatati mat-trasport, inklużi faċilitajiet ta' produzzjoni industrijali attivi f'port, uffiċċji jew ħwienet, kif ukoll għas-superstrutturi tal-port m'għandhomx ikunu spejjeż eleġibbli.

4. L-ammont ta' għajnuna ma għandux ikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment jew tat-tħammil. Il-qligħ operatorju għandhu jitnaqqas mill-ispejjeż eleġibbli *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

5. L-intensità tal-għajnuna għal kull investiment li hemm referenza għalih fil-punt (a) tal-paragrafu 2 ma għandhiex tkun iktar minn:

(a) 100 % tal-ispejjeż eleġibbli fejn l-ispejjeż eleġibbli totali tal-proġett ikunu mhux iktar minn EUR 20 miljun;

(b) 80 % tal-ispejjeż eleġibbli fejn l-ispejjeż eleġibbli totali tal-proġett ikunu iktar minn EUR 20 miljun u mhux iktar minn EUR 50 miljun;

(c) 60 % tal-ispejjeż eleġibbli fejn l-ispejjeż eleġibbli totali tal-proġett ikunu iktar minn EUR 50 miljun u mhux iktar mill-ammont stabbilit fil-punt (ee) tal-Artikolu 4(1).

L-intensità tal-għajnuna ma għandhiex tkun iktar minn 100 % tal-ispejjeż eleġibbli stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 2 u fil-punt (c) tal-paragrafu 2 sal-ammont stabbilit fil-punt (ee) tal-Artikolu 4(1).

6. L-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali għall-investimenti li jinsabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u b'5 punti perċentwali għall-investimenti li jinstabu f'żoni megħjuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat.

7. Kull konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni, ittejjeb topera jew tikri l-infrastruttura ta' port megħjun għandha tingħata fuq bażi kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u bla kundizzjonijiet.

8. L-infrastruttura tal-portijiet megħjuna għandha tkun disponibbli għal utenti interessati fuq bażi ugwali u mhux diskriminatorja b'termini tas-suq.

9. Għal għajnuna li ma tkunx iktar minn EUR 5 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6.

Artikolu 56c

Għajnuna għal portijiet interni

1. L-għajnuna għal portijiet interni għandha tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat u tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fil-Kapitolu I jiġu ssodisfati.

2. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-ippjanar, ta':

(a) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' portijiet marittimi;

(b) investimenti għall-kostruzzjoni, is-sostituzzjoni jew it-tiġdid ta' infrastrutturi ta' aċċess;

(c) tħammil.

3. L-ispejjeż marbuta ma' attivitajiet li mhux relatati mat-trasport, inklużi faċilitajiet ta' produzzjoni industrijali attivi f'port, uffiċċji jew ħwienet, kif ukoll għas-superstrutturi tal-port m'għandhomx ikunu spejjeż eleġibbli.

4. L-ammont ta' għajnuna ma għandux ikun iktar mid-differenza bejn l-ispejjeż eleġibbli u l-qligħ operatorju tal-investiment jew tat-tħammil. Il-qligħ operatorju jitnaqqas mill-ispejjeż eleġibbli *ex ante*, abbażi ta' projezzjonijiet raġonevoli, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' rkupru.

5. L-intensità massima tal-għajnuna ma għandhiex tkun iktar minn 100 % tal-ispejjeż eleġibbli stabbiliti fil-punt (ff) tal-Artikolu 4(1).

6. Kull konċessjoni jew inkarigu ieħor lil parti terza biex tibni, ittejjeb, topera jew tikri l-infrastruttura ta' port megħjun għandha tingħata fuq bażi kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u bla kundizzjonijiet.

7. L-infrastruttura tal-portijiet megħjuna għandha tkun disponibbli għal utenti interessati fuq bażi ugwali u mhux diskriminatorja b'termini tas-suq.

8. Għal għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 2 miljuni, l-ammont massimu ta' għajnuna jista' jiġi stabbilit għal 80 % tal-ispejjeż eleġibbli, bħala alternattiva għall-applikazzjoni tal-metodu msemmi fil-paragrafi 4 u 5.";

(21) L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet rispettivi ta' dan ir-Regolament, fejn l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija bejn l-1 ta' Lulju 2014 u d-9 ta' Lulju 2017 skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-għajnuna, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Kull għajnuna individwali li ngħatat qabel l-1 ta' Lulju 2014 f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9, kif applikabbli qabel jew wara l-10 ta' Lulju 2017, għandha tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.";

(c) għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Jekk dan ir-Regolament jiġi emendat, kwalunkwe skema ta' għajnuna eżentata skont dan ir-Regolament kif applikabbli fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din l-iskema għandha tibqa' eżentata għal perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur.";

(22) Fl-Anness II, il-Parti II hija sostitwita bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(23) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) in-nota ta' qiegħ il-paġna 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).";

(b) l-ewwel sentenza tan-nota f'qiegħ il-paġna 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ekwivalenti gross tas-sovvenzjoni, jew għal miżuri skont l-Artikoli 16, 21, 22 jew 39 ta' dan ir-Regolament, l-ammont ta' investiment.".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 702/2014, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"L-ammonti ta' spejjeż eleġibbli jistgħu jiġu kkalkolati skont l-opzjonijiet tal-ispejjeż simplifikati previsti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), sakemm l-operazzjoni tkun mill-inqas parzjalment finanzjata permezz tal-FAEŻR u li l-kategorija ta' spejjeż tkun eliġibbli skont id-dispożizzjoni rilevanti ta' eżenzjoni.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Margrethe VESTAGER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"PARTI II

se tiġi pprovduta permezz tal-applikazzjoni tal-IT stabbilita tal-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 11

Jekk jogħġbok indika skont liema dispożizzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija (GBER) hija implimentata l-miżura tal-għajnuna.

Objettiv primarju — Objettivi Ġenerali (elenka)	Objettivi (elenka)		Intensità massima tal-għajnuna f' % jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ)	Bonuses lill-SME f' %
Għajnuna reġjonali — għajnuna għall-investiment ([1]) (Art. 14)	☐ Skema		… %	… %
	☐ Għajnuna *ad hoc*		… %	… %
Għajnuna reġjonali — għajnuna operatorja (Art. 15)	☐ Spejjeż tat-trasport ta' oġġetti f'żoni eliġibbli (Art. 15(2)(a))		… %	… %
	☐ Spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi (Art. 15(2)(b))		… %	… %
☐ Għajnuna għall-iżvilupp urban reġjonali (Art. 16)			… munita nazzjonali	… %
Għajnuna għall-SME (Art. 17 — 18 — 19 –20)	☐ Għajnuna għall-investiment lill-SMEs (Art. 17)		… %	… %
	☐ Għajnuna għal konsulenza favur l-SMEs (Art. 18)		… %	… %
	☐ Għajnuna lill-SMEs għall-parteċipazzjoni fil-fieri (Art.19)		… %	… %
	☐ Għajnuna għall-ispejjeż ta' kooperazzjoni mġarrba mill-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proġetti ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Art.20)		… %	… %
Għajnuna għall-SME — aċċess tal-SMEs għal finanzjament (Art. 21-22)	☐ Għajnuna għal finanzjament ta' riskju (Art. 21)		… munita nazzjonali	… %
	☐ Għajnuna għall-bidu ta' negozju (Art. 22)		… munita nazzjonali	… %
☐ Għajnuna għall-SMEs — Għajnuna għal pjattaformi alternattivi ta' negozjar speċjalizzati fl-SMEs (Art. 23)			… %; f'każ li l-miżura tal-għajnuna tieħu l-forma ta' għajnuna għall-bidu ta' negozju: … munita nazzjonali	… %
☐ Għajnuna għall-SMEs — Għajnuna għall-ispejjeż tat-tfittix (Art. 24)			… %	… %
Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (Arti. 25 — 30)	Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u l-iżvilupp- (Art. 25)	☐ Riċerka fundamentali (Art. 25(2)(a))	… %	… %
		☐ Riċerka industrijali (Art. 25(2)b)	… %	… %
		☐ Żvilupp sperimentali (Art. 25(2)(c))	… %	… %
		☐ Studji ta' vijabbiltà (Art. 25(2)(d))	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi tar-riċerka (Art. 26)		… %	… %

Objettiv primarju — Objettivi Ġenerali (elenka)	Objettivi (elenka)	Intensità massima tal-għajnuna f' % jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ)	Bonuses lill-SME f' %
	☐ Għajnuna għar-ragruppamenti tal-innovazzjoni (Art. 27)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-innovazzjoni lill-SMEs (Art. 28)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni (Artikolu 29)	… %	… %
	☐ Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (Art. 30)	… %	… %
☐ Għajnuna għat-taħriġ (Art. 31)		… %	… %
Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati jew b'diżabilità (Arti. 32-35)	☐ Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji ta' pagi (Art. 32)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji tal-pagi (Art. 33)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità (Art. 34)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż tal-assistenza pprovduta lil ħaddiema żvantaġġati (Art. 35)	… %	… %
Għajnuna għall-Protezzjoni Ambjentali (l-Art. 36-49)	☐ Għajnuna għall-investiment li tippermetti lill-impriżi jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali jew jgħollu l-livell tal-protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-UE (Art. 36)	… %	… %
	☐ Għajnuna għal adattament bikri għall-istandards futuri tal-Unjoni (Art. 37)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-investiment għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika (Art. 38)	…%	…%
	☐ Għajnuna għall-investiment għal proġetti għall-effiċjenza enerġetika fil-bini (Art. 39)	… munita nazzjonali	…%
	☐ Għajnuna għall-investiment għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja (Art. 40)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-investiment għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (Art. 41)	…%	…%
	☐ Għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (Art. 42)	… %	… %
	☐ Għajnuna operatorja għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'installazzjonijiet ta' skala żgħira (Art. 43)	…%	…%
	☐ Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva 2003/96/KE (Art. 44)	… %	… %

Objettiv primarju — Objettivi Ġenerali (elenka)	Objettivi (elenka)	Intensità massima tal-għajnuna f' % jew Ammont massimu tal-għajnuna annwali fil-munita nazzjonali (f'ammonti sħaħ)	Bonuses lill-SME f' %
	☐ Għajnuna għall-investiment għar-riabilitazzjoni ta' siti kkontaminati (Art. 45)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-investiment għall-effiċjenza enerġetika fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali(Art. 46)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-investiment għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart (Art. 47)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-investiment għall-infrastruttura tal-enerġija (Art. 48)	… %	… %
	☐ Għajnuna għall-istudji dwar l-ambjent (Art. 49)	… %	… %
☐ L-iskemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali (Art. 50)	Intensità massima tal-għajnuna	… %	… %
	Tip ta' diżastru naturali	☐ terremot ☐ valanga ☐ uqigħ tal-art ☐ għargħar ☐ tromba tal-arja ☐ uragan ☐ eruzzjoni vulkanika ☐ nirien fil-foresti	
	Id-data ta' meta seħħ id-diżastru naturali	jj/xx/ssss **sa** jj/xx/ssss	
☐ Għajnuna soċjali għat-trasport għal residenti f'reġjuni mbiegħda (Art. 51)		… %	… %
☐ Għajnuna għal infrastrutturi tal-broadband (Art. 52)		… munita nazzjonali	… %
☐ Għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju (Art. 53)		… %	… %
☐ Skemi ta' għajnuna għal xogħlijiet awdjoviżivi (Art. 54)			
		… %	… %
☐ Għajnuna għall-infrastrutturi tal-isport u għall-infrastrutturi ta ' rikreazzjoni multifunzjonali (Art. 55)		… %	… %
☐ Għajnuna għall-investiment għall-infrastrutturi lokali (Art. 56)		… %	… %
☐ Għajnuna għal ajruporti reġjonali (Art. 56a)		… %	… %
☐ Għajnuna għall-portijiet marittimi (Art. 56b)		… %	… %
☐ Għajnuna għall-portijiet interni (Art. 56c)		… %	… %

([1]) Fil-każ ta' għajnuna reġjonali *ad hoc* li tissupplimenta għajnuna mogħtija skont skema/i ta' għajnuna, jekk jogħġbok indika, kemm l-intensità tal-għajnuna mogħtija bl-iskema kif ukoll l-intensità tal-għajnuna *ad hoc*."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1085

tad-19 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 891/2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-Iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ([2]), (il-Ftehim) ġie ffirmat fil-25 ta' Novembru 2016. L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ġie awtorizzat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1995 ([3]) u l-konklużjoni tiegħu permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/730 ([4]).

(2) Skont it-termini tal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea għandha talloka ammont addizzjonali ta' 78 000 tunnellata għal din l-allokazzjoni għall-Brażil skont il-kwota tariffarja tal-UE "Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar", linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta' EUR 98 għal kull tunnellata, u għandha talloka ammont addizzjonali ta' 36 000 tunnellata lill-allokazzjoni attwali skont il-parti "Kwalunkwe pajjiż terz" tal-kwota tariffarja tal-UE "Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar", linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta' EUR 98 għal kull tunnellata.

(3) Fir-rigward tal-volum ta' 78 000 tunnellata allokati lill-Brażil skont il-kwota tar-rata tariffarja tal-UE, il-Ftehim jipprevedi wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha b'mod awtonomu tapplika rata fil-kwota ta' mhux aktar minn EUR 11 għal kull tunnellata matul l-ewwel sitt snin li matulhom dan il-volum ikun disponibbli u rata fil-kwota ta' mhux aktar minn EUR 54 għal kull tunnellata fis-seba' sena.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 ([5]) jipprovdi għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur taz-zokkor, inklużi dawk li joriġinaw fil-Brażil u kwalunkwe pajjiż terz. Sabiex wieħed jimplimenta l-kwoti tariffarji taz-zokkor preskritti fil-Ftehim, jeħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jiġi emendat skont dan.

(5) L-emendi proposti għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 108. 26.4.2017, p. 3.).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1995 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 308, 16.11.2016, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/730 tal-25 ta' April 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV: 6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja matul l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 1).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 891/2009, il-Parti I: Konċessjonijiet taz-zokkor tas-CXL jinbidel b'dan li ġej:

"Parti I: Konċessjonijiet taz-zokkor tas-CXL

Pajjiż terz	Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Kwantitajiet (tunnellati)	Rata fil-kwota (EUR/tunnellata)
L-Awstralja	09.4317	1701 13 10 u 1701 14 10	9 925	98
Kuba	09.4319	1701 13 10 u 1701 14 10	68 969	98
Kull pajjiż terz	09.4320	1701 13 10 u 1701 14 10	289 977 ([1])	98
L-Indja	09.4321	1701	10 000	0

([1]) Għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017, il-kwantità għandha tkun 262 977 tunnellata.

Pajjiż terz	Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Snin ta' kummerċjalizzazzjoni	Kwantitajiet (tunnellati)	Rata fil-kwota (EUR/tunnellata)
Il-Brażil	09.4318	1701 13 10 u 1701 14 10	2016/2017 sa 2023/2024	334 054	98
	09.4318	1701 13 10 u 1701 14 10	Minn 2024/2025	412 054	98
	09.4329	1701 13 10 u 1701 14 10	2016/2017 2017/2018 2018/2019 2019/2020 2020/2021 2021/2022 2022/2023	19 500 78 000 78 000 78 000 78 000 78 000 58 500	11 11 11 11 11 11 11
	09.4330	1701 13 10 u 1701 14 10	2022/2023 2023/2024	19 500 58 500	54 54"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1086

tad-19 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 634/2007 fir-rigward tal-karatterizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]) u b'mod partikulari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2007 ([2]) kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2013 ([3]) jawtorizza s-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397 bħala addittiv fl-għalf.

(2) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni li talbet modifika tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-karatterizzazzjoni tal-addittiv fl-għalf. Dik l-applikazzjoni ġiet ippreżentata flimkien mad-dejta ta' sostenn rilevanti. Il-Kummissjoni bagħtet dik l-applikazzjoni lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"). L-applikant inizjalment talab l-inklużjoni tal- kontenut ta' selenosisteina fil-karatterizzazzjoni tal-addittiv iżda fl-aħħar irtira din il-bidla; għalhekk l-applikazzjoni tikkonċerna biss żieda tal-kontenut massimu ta' selenju fl-awtorizzazzjoni attwali tal-addittiv.

(3) Fl-opinjoni tagħha tal-20 ta' Ottubru 2016 ([4]) l-Awtorità kkonkludiet li l-modifika mitluba ma kinetx se taffettwa s-sikurezza u l-effikaċja tal-prodott, filwaqt li fakkret ir-riskju għas-sikurezza tal-utent tal-prodott. L-att ta' awtorizzazzjoni attwali fih dispożizzjoni biex b'mod adegwat tindirizza dan ir-riskju.

(4) L-evalwazzjoni tal-preparazzjoni mmodifikata turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 634/2007 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 634/2007

Fir-raba' kolonna tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 634/2007, it-test bejn l-intestatura "Il-karatterizzazzjoni tal-addittiv" u l-intestatura "Metodu analitiku" jinbidel b'dan li ġej:

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 634/2007 tas-7 ta' Ġunju 2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R397 bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 146, 8.6.2007, p. 14).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2013 tat-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodott minn *Saccharomyces cerevisiae* NCYC R646 bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1750/2006, (KE) Nru 634/2007 u (KE) Nru 900/2009 fir-rigward tal-livelli massimi ta' supplimentazzjoni ma' ħmira selenizzata (ĠU L 127, 9.5.2013, p. 20).

([4]) *EFSA Journal* 2016;14(11):4624.

"Selenju organiku, l-aktar kontenut ta' selenometjonina (63 %) bejn 2 000 u 3 500 mg Se/kg (97 sa 99 % ta' selenju organiku)."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1087

tad-19 ta' Ġunju 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/386/PESK ([1]).

(2) Il-Kunsill ma jirrikonoxxix, u jkompli jikkundanna, l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u ser jibqa' impenjat li jimplimenta b'mod sħiħ il-politika tiegħu ta' nonrikonoxximent.

(3) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sat-23 ta' Ġunju 2018.

(4) Id-Deċiżjoni 2014/386/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-23 ta' Ġunju 2018.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1088

tal-24 ta' Marzu 2017

dwar l-għajnuna mill-Istat SA. 35484 (2013/C) (ex SA. 35484 (2012/NN)) fir-rigward ta' ċerti submiżuri ta' riċerka ffinanzjati skont il-Liġi dwar il-Ħalib u x-Xaħam

(notifikata bid-dokument C(2017) 1863)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittri datati t-28 ta' Novembru 2011 u s-27 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni talbet mingħand il-Ġermanja informazzjoni addizzjonali relatata mar-Rapport Annwali tal-2010 dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu li l-Ġermanja kienet issottomettiet skont l-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([2]). Il-Ġermanja wieġbet il-mistoqsijiet tal-Kummissjoni b'ittri datati s-16 ta' Jannar 2012 u s-27 ta' April 2012. Fid-dawl tat-tweġibiet tal-Ġermanja, irriżulta li l-Ġermanja kienet tat għajnuna finanzjarja lis-settur tal-ħalib Ġermaniż skont il-Liġi dwar il-Ħalib u x-Xaħam tal-1952 (Gesetz über den Verkehr mit Milch, Milcherzeugnissen und Fetten, minn hawn 'il quddiem: "l-MFG").

(2) Permezz tal-ittra datata t-2 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni informat lill-Ġermanja li l-miżuri inkwistjoni kienu ġew irreġistrati bħala għajnuna mhux notifikata taħt in-numru SA.35484 (2012/NN). Permezz ta' ittri datati s-16 ta' Novembru 2012, is-7, it-8, il-11, it-13, l-14, il-15 u d-19 ta' Frar, il-21 ta' Marzu, it-8 ta' April, it-28 ta' Mejju, l-10 u l-25 ta' Ġunju u t-2 ta' Lulju 2013, il-Ġermanja ssottomettiet aktar informazzjoni.

(3) Permezz tal-ittra tas-17 ta' Lulju 2013 ([3]), il-Kummissjoni informat lill-Ġermanja li fir-rigward ta' ċerti submiżuri meħuda fil-qafas tal-MFG hi kienet iddeċidiet tagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (minn hawn 'il quddiem: "id-Deċiżjoni tal-ftuħ"). Fl-istess ittra, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li xi submiżuri oħrajn kienu kompatibbli mas-suq intern, kemm fil-perjodu bejn it-28 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2006 jew fil-perjodu li beda mill-1 ta' Jannar 2007 kif ukoll fiż-żewġ perjodi, jew li submiżuri ulterjuri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jew li ma kinux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(4) F'dak li jirrigwarda s-submiżuri li huma soġġetti għal din id-Deċiżjoni, jiġifieri r-riċerka tas-submiżuri msemmija fid-Deċiżjoni tal-ftuħ bħala s-submiżuri BY2, BY11, BY12 u BY13 (minn hawn' il quddiem "is-submiżuri") il-Kummissjoni ddikjarat li dawk is-submiżuri dehru li għandhom il-karatteristiċi kollha ta' għajnuna mill-Istat u li l-ispejjeż eliġibbli kienu jikkorrispondu mal-ispejjeż eliġibbli permessi skont ir-regoli applikabbli tal-għajnuna mill-Istat (ara l-premessi 203 u 209 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(5) Madankollu, il-Kummissjoni ma kinitx irċeviet biżżejjed informazzjoni mill-Ġermanja dwar l-intensità tal-għajnuna, b'mod partikolari jekk l-intensità tal-għajnuna kinitx tikkorrespondi mar-rati permessi skont ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat (ara l-premessi 204, 205, 210 u 211 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ) u għalhekk esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tas-submiżuri mas-suq intern (ara l-premessi 206 u 212 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ). Għalhekk, il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja tissottometti l-kummenti tagħha u tipprovdi kull informazzjoni li tista' tkun utli għall-valutazzjoni tal-għajnuna li tikkonċerna l-perjodu mit-28 ta' Novembru 2001 (ara l-premessa 276 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ.

([1]) ĠU C 7, 10.1.2014, p. 8.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).
([3]) C(2013) 4457 final, korretta permezz ta' ittra ddatata s-16 ta' Diċembru 2013 (C(2013) 9021 final).

(6) Permezz tal-ittra datata l-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja ssottomettiet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-ftuħ. Permezz ta' ittri datati t-22 ta' Settembru 2016 u l-25 ta' Ottubru 2016, il-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Bavarja ppreżenta spjegazzjonijiet addizzjonali.

(7) Id-Deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom dwarha fi żmien xahar. Il-Kummissjoni ma rċevietx kummenti speċifiċi minn partijiet interessati dwar is-submiżuri.

2. **DEFINIZZJONI TAS-SUBMIŻURI**

(8) L-MFG hija liġi Federali Ġermaniża li daħlet fis-seħħ fl-1952. Hija tikkostitwixxi l-qafas legali tas-submiżuri u l-validità tagħha ma għandhiex limitu ta' żmien.

(9) It-Taqsima 22(1) tal-MFG tawtorizza lill-Istati Federali Ġermaniżi (minn hawn' il quddiem: il-"Länder") biex jimponu imposta tal-ħalib fuq l-imħaleb ibbażata fuq il-kwantitajiet ta' ħalib ikkonsenjat.

(10) It-Taqsima 22(2) tal-MFG tistipula li d-dħul miksub mill-imposta fuq il-ħalib jista' jintuża biss:

(a) għat-titjib u ż-żamma tal-kwalità abbażi ta' ċerti dispożizzjonijiet implimentattivi;

(b) għat-titjib tal-iġjene waqt il-ħlib u waqt il-kunsinna, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;

(c) għar-reġistrazzjoni tal-produzzjoni tal-ħalib;

(d) għall-għoti ta' pariri lill-intrapriżi dwar kwistjonijiet relatati mal-industrija tal-ħalib u t-taħriġ kontinwu tal-impjegati żgħażagħ f'din l-industrija;

(e) għar-reklamar immirat biex iżid il-konsum tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;

(f) għat-twettiq tal-kompiti kkonferiti mil-Liġi dwar il-Ħalib u x-Xaħam.

(11) It-Taqsima 22(2a) tal-MFG tistipula li, b'deroga mill-paragrafu 2, id-dħul miksub mill-imposta fuq il-ħalib jista' jintuża wkoll sabiex:

(a) titnaqqas iż-żieda fl-ispejjeż strutturali tal-ġbir relatati mal-provvista tal-ħalib u l-krema mill-produttur għall-maħleb,]

(b) titnaqqas iż-żieda fl-ispejjeż ta' trasport relatati mal-provvista tal-ħalib bejn l-imħaleb fejn tali provvista hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-provvista tal-ħalib tax-xorb fiż-żona tal-bejgħ tal-maħleb, u

(c) titjieb il-kwalità matul id-distribuzzjoni ċentrali tal-prodotti tal-ħalib.

(12) Fil-Bavarja l-ġbir u l-użu tal-imposta fuq il-ħalib kien irregolat mir-Regolament Bavarjan dwar imposta fuq il-ħalib (Bayerische Milchumlageverordnung).

(13) Fil-Bavaria l-imposta fuq il-ħalib intużat biex tiffinanzja s-submiżuri tar-riċerka msemmija fil-premessa 4, jiġifieri:

BY 2 — "Die Erhöhung des Milchproteingehaltes durch Management und Züchtung: Eine Perspektive für Milcherzeuger, Verbraucher und Industrie" (Iż-żieda fil-kontenut ta' proteina fil-ħalib permezz tal-Ġestjoni u t-Trobbija: Perspettiva għall-bdiewa tal-ħalib, għall-konsumaturi u għall-industrija;

BY 11 — "Förderung der Anpassung von Untersuchungsmethoden zur Bearbeitung spezifischer Fragestellungen sowie der Methodenentwicklung in Kooperation mit Forschungseinrichtungen und der Nutzbarmachung und des Transfers wissenschaftlicher Erkenntnisse für die bayerische Milchwirtschaft" (Il-promozzjoni tal-adattazzjoni tal-metodi ta' investigazzjoni għall-ipproċessar ta' kwistjonijiet speċifiċi u l-iżvilupp ta' metodi b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet tar-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien xjentifiku lill-industrija tal-ħalib tal-Bavarja)

([4]) Ara r-referenza fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

BY 12 — Entwicklung einer anti-listeriellen, frühen Oberflächenreifungskultur für geschmierte Käse (L-iżvilupp ta' sustanza ta' maturazzjoni anti-listerjali għall-ġobon);

BY 13 — "Überwachung von antimikrobiellen Rückständen der Milch — Etablierung des neuen Biosensor-Systems MCR3 für Routineuntersuchungen in der Praxis" (Il-monitoraġġ ta' residwi antimikrobiċi fil-ħalib — it-twaqqif tas-sistema ġdida tal-bijosensers MCR3 għall-ittestjar ta' rutina fil-prattika).

L-aħħar submiżura kienet ukoll iffinanzjata mill-baġit tal-Istat tal-Bavarja.

(14) Din il-bażi legali speċifika għall-implimentazzjoni tas-submiżuri kienet tinkludi wkoll:

— ir-Regoli tal-Baġit tal-Bavarja (Bayerische Haushaltsordnung), b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 44 kif ukoll d-dispożizzjonijiet amministrattivi relevanti (Verwaltungsvorschriften);

— il-pjan baġitarju biannwali tal-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Bavarja, inkluż il-kapitolu għan-nefqa "mill-Fond Speċjali tal-Ħalib u x-Xaħam"(Sondervermögen Milch und Fett);

— l-atti legali amministrattivi tal-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Bavarja biex jawtorizzaw il-proġetti ta' riċerka u l-infiq (Ausgabeermächtigung).

(15) Id-deċiżjonijiet dwar it-tip ta' proġetti ta' riċerka li għandhom jitwettqu u jiġu ffinanzjati permezz tal-imposta fuq il-ħalib ġew adottati permezz ta' proċedura speċjali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li tinvolvi t-teħid tad-deċiżjonijiet f'livelli diversi: Il-bord tal-Assoċjazzjoni tal-Istat tal-Industrija tal-Ħalib tal-Bavarja (Vorstand der il-Landesvereinigung der bayerischen Milchwirtschaft) joħroġ lista ta' proġetti magħżulin minn qabel u jippreżentaha għall-votazzjoni tal-assemblea ġenerali (Mitgliederversammlung) ta' dik l-assoċjazzjoni. L-assemblea ġenerali tivvota wkoll dwar il-baġit tal-proġett ippjanat. Ibbażat fuq dak il-vot u fuq pjan ta' Baġit biannwali tal-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Bavarja, il-Ministeru joħroġ atti legali amministrattivi li jawtorizzaw l-infiq għall-proġetti ta' riċerka magħżula (Ausgabeermächtigung). Qed tittieħed deċiżjoni separata għal kull proġett.

3. **KUMMENTI TAL-ĠERMANJA**

(16) Il-Ġermanja pprovdiet l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà mitluba fid-Deċiżjoni tal-ftuħ:

BY 2 — "Die Erhöhung des Milchproteingehaltes durch Management und Züchtung: Eine Perspektive für Milcherzeuger, Verbraucher und Industrie" (Iż-żieda fil-kontenut ta' proteina fil-ħalib permezz tal-Ġestjoni u t-Trobbija: Perspettiva għall-bdiewa tal-ħalib, għall-konsumaturi u għall-industrija):

(17) Il-proġett twettaq bejn l-2008 u l-2012. Il-benefiċjarju kien Technische Universität München.

(18) L-awtorità tal-baġit globali tal-proġett kien ta' EUR 600 000. Il-mezzi finanzjarji huma mqassma kif ġej:

Tabella 1

Is-sors	EUR fis-sena	EUR fit-total	% tat-total
Riżorsi proprji tal-benefiċjarju	20 000	100 000	16,67
Grupp ta' impriżi Theo Müller	75 000	350 000	58,33
Imposta fuq il-Ħalib (MFG)	35 000	150 000	25

(19) L-ammont tal-għajnuna li nkisbet mill-imposta fuq il-ħalib kien ta' EUR 150 000 u kien jirrappreżenta 25 % mill-baġit totali għall-proġett ta' riċerka.

BY 11 — "Förderung der Anpassung von Untersuchungsmethoden zur Bearbeitung spezifischer Fragestellungen sowie der Methodenentwicklung in Kooperation mit Forschungseinrichtungen und der Nutzbarmachung und des Transfers wissenschaftlicher Erkenntnisse für die bayerische Milchwirtschaft" (Il-promozzjoni tal-adattazzjoni tal-metodi ta' investigazzjoni għall-ipproċessar ta' kwistjonijiet speċifiċi u l-iżvilupp ta' metodi b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' riċerka u t-trasferiment ta' għarfien xjentifiku lill-industrija tal-ħalib tal-Bavarja):

(20) L-għan ta' dan il-proġett kien li jiġu modernizzati l-metodi eżistenti tal-analiżi tal-ħalib u l-kwestjonarji li jkollhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-ħalib. Ir-riżultati tal-proġett ta' riċerka kienu maħsuba biex jintużaw minn impriżi tal-ħalib fil-Bavarja fil-produzzjoni tal-ħalib u fl-ipproċessar ta' prodotti tal-ħalib.

(21) Il-proġett twettaq bejn l-2002 u l-2011. L-għajnuna ngħatat fuq bażi annwali.

(22) L-awtorità tal-baġit għall-proġett u l-ammont tal-għajnuna kienu kif ġej:

Tabella 2

Il-perjodu 2002-2006

Sena	2002	2003	2004	2005	2006
Il-baġit tal-proġett (EUR)	332 505,30	416 945,14	616 483,19	812 433,90	587 072,90
Ammont ta' għajnuna (EUR)	222 261,52	288 240,39	423 429,64	564 887,80	391 124,32
Intensità tal-għajnuna (%)	66,84	69,13	68,68	69,53	66,62

Tabella 3

Il-perjodu 2007-2012

Sena	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Il-baġit tal-proġett (EUR)	378 169,60	324 134,53	376 916,07	369 009,52	409 803,32	343 753,57
Ammont ta' għajnuna (EUR)	273 898,60	240 292,53	274 014,01	268 866,52	301 076,32	257 259,72
Intensità tal-għajnuna (%)	72,43	74,13	72,70	72,86	73,47	74,84

(23) Il-benefiċjarju kien Milchwirtschaftlicher Verein Allgäu-Schwaben e. V., impriża ta' daqs medju ([5]) (minn hawn' il quddiem: "SME"). Ir-riżultati tar-riċerka ġew ippreżentati f'diversi avvenimenti nazzjonali u internazzjonali kif ukoll f'diversi ġurnali xjentifiċi nazzjonali u internazzjonali ([6]).

([5]) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja, il-kumpanija benefiċjarja fl-2011 impjegat 154 impjegat u kellha fatturat annwali ta' EUR 9,05 miljun.

([6]) Il-lista bil-pubblikazzjonijiet mibgħuta mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Bavarja hija rreġistrata mal-Kummissjoni taħt Ref. Ares(2016) 503557 — it-22 ta' Settembru 2016.

BY 12 — Entwicklung einer anti-listeriellen, frühen Oberflächenreifungskultur für geschmierte Käse (Żvilupp ta' sustanza ta' maturazzjoni anti-listerjali għall-ġobon):

(24) F'ittra bid-data tal-20 ta' Settembru 2013, il-Ġermanja spjegat li inizjalment kienet tat deskrizzjoni ħażina tal-proġett li kien tqies għall-finijiet tad-Deċiżjoni tal-ftuħ. Dan l-iżball irriżulta minn konfużjoni ma' proġett ieħor b'titlu simili li ġie kompletament iffinanzjat mill-privat. Il-Ġermanja pprovdiet l-informazzjoni ġdida dwar il-proġett li kien iffinanzjat mill-imposta fuq il-ħalib, kif ġej:

(25) L-għan ta' dan il-proġett kien li jfittex ir-rabtiet bejn il-batterju tal-listeria monocytogenes u l-batterju aħmar lubrifikanti għall-maturazzjoni. Il-proġett għen ir-riċerka mikrobjali bażika. B'riżultat ta' dan, intwera l-potenzjal straordinarju inibitorju ta' ċerti razez tal-*Pichia norvegensis* kontra l-*Listeria monocytogenes* — skoperta li qatt qabel ma kienet ġiet deskritta b'mod xjentifiku. Din l-iskoperta ma setgħetx tintuża b'mod immedjat fil-produzzjoni tal-ġobon, billi kellha tiġi ċċarata aktar in-natura molekulari tal-prinċipju inibitorju.

(26) Il-proġett twettaq bejn l-2006 u l-2008. Il-baġit tal-proġett kien ta' EUR 30 000. Dan ġie ffinanzjat totalment mill-imposta fuq il-ħalib.

(27) Il-benefiċjarju kien Technische Universität München, entità pubblika tal-edukazzjoni għolja mingħajr skop ta' qligħ.

BY 13 — "Überwachung von antimikrobiellen Rückständen der Milch — Etablierung des neuen Biosensor-Systems MCR3 für Routineuntersuchungen in der Praxis" (Monitoraġġ tar-residwi antimikrobiċi fil-ħalib — it-twaqqif ta' sistema tal-bijosensers MCR3 għall-ittestjar ta' rutina fil-prattika):

(28) Il-proġett twettaq fis-snin 2010 u 2011. L-ispejjeż eliġibbli jammontaw għal EUR 73 234,58. L-għajnuna ngħatat fl-2010 u oriġinat minn żewġ sorsi: mill-imposta fuq il-ħalib u mill-baġit tal-Istat tal-Bavarja (Cluster Ernährung). L-ammont tal-għajnuna mħallas mill-imposta fuq il-ħalib kien ta' EUR 26 500, u l-ammont ta' għajnuna mħallas minn Cluster Ernährung kien ta' EUR 26 500. B'hekk, l-intensità tal-għajnuna kienet ta' 72,4 %.

(29) Il-benefiċjarju kien Milchprüfring Bayern e. V., SME ([7]). Ir-riżultati tar-riċerka ġew ippreżentati f'diversi avvenimenti nazzjonali u internazzjonali kif ukoll f'diversi ġurnali xjentifiċi nazzjonali u internazzjonali ([8]).

4. VALUTAZZJONI DWAR L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(30) Fid-Deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet il-fehma li s-submiżuri kienu jidhru li kellhom il-karatteristiċi kollha ta' għajnuna mill-Istat.

(31) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kull għajnuna, fi kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

4.1. Għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat

(32) Din l-għajnuna ngħatat b'mod predominanti mill-imposta fuq il-ħalib. Fil-każ tas-submiżura BY13 ingħatat ukoll għajnuna mill-baġit tal-Istat tal-Bavarja.

(33) Ir-riżorsi finanzjarji li jkunu ġejjin mill-baġit tal-Istat tal-Bavarja jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. Ir-riżorsi finanzjarji li ġejjin mill-imposta fuq il-ħalib ukoll huma kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(1)

([7]) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja, fl-2011 il-kumpanija benefiċjarja impjegat 158 impjegat u kellha fatturat ta' EUR 14,6 miljun.
([8]) Il-lista bil-pubblikazzjonijiet mibgħuta mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Bavarja hija rreġistrata mal-Kummissjoni taħt Ref. Ares(2016) 503557 — it- 22 ta' Settembru 2016.

(34) Skont il-każistika stabbilita, mhuwiex xieraq li ssir distinzjoni bejn każijiet fejn l-għajnuna tingħata direttament mill-Istat u dawk fejn tingħata minn korp pubbliku jew privat maħtur jew stabbilit minn dak l-Istat. Madankollu, biex il-vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, huma jridu, l-ewwel nett, jingħataw b'mod dirett jew indirett permezz ta' riżorsi tal-Istat u, it-tieni, ikunu attribwibbli lill-Istat.

(35) Fir-rigward tal-miżuri deskritti hawn fuq, jidher li l-imposta hija miġbura fuq il-bażi ta' liġi Federali, l-MFG, flimkien mar-regolament tal-Bavarja dwar l-imposta fuq il-ħalib.

(36) B'mod speċifiku, l-ewwel sentenza tat-Taqsima 22(1) tal-MFG tipprevedi li l-gvernijiet tal-Länder, li jaġixxu f'konsultazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-Land jew mal-organizzazzjonijiet professjonali, jistgħu jiġbru imposti b'mod konġunt mill-imħaleb, iċ-ċentri ta' ġbir tal-ħalib u l-produtturi tal-kremi biex tiġi promossal-industrija tal-ħalib.

(37) Skont it-tieni sentenza tat-Taqsima 22(1) tal-MFG, il-gvernijiet tal-Länder jistgħu, jekk jintalbu jagħmlu dan mill-assoċjazzjoni jew mill-organizzazzjonijiet professjonali, jiġbru flimkien imposti sa 0,2 ċenteżmi għal kull kilogramma ta' ħalib ikkunsinnat. Għaldaqstant, is-sovranità fuq l-imposta hija b'mod ċar tal-gvernijiet tal-Länder.

(38) Din il-bażi legali għall-ġbir ta' imposta fuq il-ħalib fil-Bavarja hija pprovduta mir-regolament dwar l-imposta fuq il-ħalib li jirregola l-arranġamenti dettaljati, inkluż l-ammont tal-imposta. Bħala konsegwenza ta' dan, il-ġbir ta' imposta fuq il-ħalib huwa rregolat mill-gvern tal-Bavarja, ergo mill-Istat. Dik il-konklużjoni ma tinbidilx mill-fatt li r-regolament inkwistjoni nħareġ f'konsultazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-Land rispettiva li tirrappreżenta lill-industrija tal-ħalib.

(39) F'dan il-każ, tinġabar imposta mingħand impriżi privati — imħaleb. Id-dħul minn din l-imposta jidħol fil-baġit tal-Bavarja qabel ma jintuża għall-iffinanzjar tas-submiżuri tar-riċerka. Għalhekk, huwa meqjus bħala li jaqa' taħt il-kontroll pubbliku.

(40) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ffinanzjati mill-imposta fuq il-ħalib huma mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat u huma imputabbli lill-Istat.

4.2. **Impriżi/Vantaġġ selettiv**

(41) Il-benefiċjarji huma dawn li ġejjin: Technische Universität München (submiżuri BY 2 u BY 12), Milchwirtschaftlicher Verein Allgäu-Schwaben e. V. (submiżura BY 11) u Milchprüfring Bayern e. V. (submiżura BY 13).

(42) It-Technische Universität München hija organizzazzjoni ta' riċerka pubblika. Fil-każ tas-submiżura BY 2, hija għandha tiġi kkunsidrata bħala impriża għaliex wettqet attività ekonomika, b'mod partikolari għamlet kuntratt ta' riċerka fil-qasam agrikolu bl-għan li jagħti riżultati prattiċi li għandhom jintużaw għall-produzzjoni tal-ħalib mill-bdiewa tal-ħalib u mill-imħaleb. In-natura ekonomika tal-attività hija enfasizzata mill-fatt li impriżi privati (il-grupp ta' impriżi Theo Miller, ara l-premessa 18) kienu wkoll involuti fil-finanzjament tal-proġett ta' riċerka. Jista' jiġi konkluż li l-organizzazzjoni ta' riċerka għamlet kuntratt ta' riċerka u tat ir-riżultati tar-riċerka lill-impriżi tan-negozju.

(43) Fil-każ tas-submiżura BY 12, it-Technische Universität München trid titqies bħala li mhix impriża għaliex wettqet attività mhux ekonomika, b'mod partikolari t-twettiq ta' riċerka indipendenti għal aktar għarfien fundamentali fil-qasam mikrobjali. Kif indikat fil-premessa 24, il-Ġermanja ssottomettiet informazzjoni ġdida fuq din is-submiżura li ma ġietx evalwata fid-Deċiżjoni tal-ftuħ. Skont l-informazzjoni ġdida l-proġett ta' riċerka taħt is-submiżura BY 12 għandha x'taqsam ma' riċerka indipendenti, jiġifieri riċerka mikrobjali bażika bl-ebda implimentazzjoni prattika diretta.

(44) Milchwirtschaftlicher Verein Allgäu-Schwaben e. V. (submiżuri BY 11) u Milchprüfring Bayern e.V. (submiżuri BY 13) huma forom ta' organizzazzjonijiet tar-rappreżentanti tal-produzzjoni u tal-industrija tal-ħalib fil-Bavarja ta' natura legali privata li jwettqu attivitajiet ekonomiċi u servizzi differenti taħt kuntatt ta' interess għall-produtturi tal-ħalib tal-Bavarja, dawk li jipproċessaw il-ħalib u operaturi tan-negozju oħra fis-settur tal-prodotti tal-ħalib. Fil-kuntest tas-submiżuri BY 11 u BY 13 huma għamlu kuntratt ta' riċerka fil-qasam agrikolu bl-għan li jagħti riżultati prattiċi biex jintużaw għall-produzzjoni tal-ħalib mill-bdiewa tal-ħalib u mill-imħaleb. Fil-Ġermanja, dawn huma kwalifikati bħala SMEs.

(45) It-tliet benefiċjarji magħżula fil-kapaċità tagħhom bħala impriżi bbenefikaw minn vantaġġ selettiv peress li l-ispejjeż tal-proġetti li jagħmlu parti mill-attività ekonomika tagħhom u li normalment kellhom jitħallsu mill-baġit tagħhom stess ġew koperti b'mezzi li joriġinaw mill-baġit tal-Istat u mill-imposta fuq il-ħalib.

4.3. **Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ**

(46) Skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tisħiħ tal-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża permezz tal-għoti tal-għajnuna mill-Istat ġeneralment ifixkel il-kompetizzjoni ma' impriżi oħra li jkunu qed jikkompetu magħha u li ma jkunux ibbenefikaw minn din l-għajnuna ([9]). L-għajnuna għal impriża li topera f'suq miftuħ għall-kummerċ fl-Unjoni hija soġġetta li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri ([10]). Fl-Unjoni, bejn l-2001 u l-2012 kien hemm kummerċ sostanzjali ta' prodotti agrikoli. Pereżempju, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 0401 tan-Nomenklatura Magħquda (ħalib u krema, mhux konċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu) ([11]) kienu jiswew EUR 1,2 biljun u EUR 957 miljun rispettivament fl-2011 ([12]).

(47) Is-submiżuri vvalutati f'din id-Deċiżjoni huma mmirati biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka industrijali permezz ta' kuntratti fis-settur agrikolu, b'mod partikolari fis-settur tal-ħalib. Minħabba l-livell sostanzjali ta' kummerċ ta' prodotti tal-ħalib, jista' għalhekk jiġi preżunt li s-submiżuri inkwistjoni jfixklu jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

4.4. **Konklużjoni dwar l-eżistenza tal-għajnuna**

(48) Għaldaqstant, wieħed jista jikkonkludi li s-submiżuri BY2, BY11 u BY13 jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, filwaqt li s-submiżura BY12 ma tikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat billi l-benefiċjarju ma wettaqx attività ekonomika.

5. **VALUTAZZJONI TAL-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA**

(49) Skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe pjan biex jagħtu l-għajnuna u ma għandhomx jagħtu din l-għajnuna sakemm il-Kummissjoni tawtorizzaha bħala kompatibbli (obbligazzjoni stand still). Il-Ġermanja ma nnotifikatx is-submiżuri BY2, BY11 u BY13 lill-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tagħhom.

(50) Is-submiżuri BY2, BY11 u BY13 jikkostitwixxu għajnuna ġdida skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1589. L-ebda mill-kriterji ta' għajnuna eżistenti ma huma ssodisfati. B'mod partikolari, l-għajnuna mhix għajnuna eżistenti fi ħdan it-tifsira tal-punt (b)(i) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1589 minħabba li ddaħħlet fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ tat-TFUE (is-submiżura BY 2 iddaħħlet fis-seħħ fl-2008, is-submiżura BY 11 iddaħħlet fis-seħħ fl-2002 u s-submiżura BY 13 iddaħħlet fis-seħħ fl-2010) u l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' 10 snin ma skadiex (il-perjodu ta' preskrizzjoni ġie sospiż fit-28 ta' Novembru 2011, ara l-premessa 152 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ).

(51) Konsegwentement, billi din l-għajnuna ġdida ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni qabel l-implimentazzjoni tagħha, din hija illegali.

6. **VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBILITÀ TAS-SUBMIŻURI**

(52) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

(53) Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajnuna illegali ([13]), kull għajnuna illegali, jiġifieri għajnuna li tingħata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE għandha tiġi vvlautata skont ir-regoli applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-għajnuna.

([9]) Is-Sentenza tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris Holland BV vs Il-Kummissjoni, 730/79, EU:C:1980:209, il-paragrafi 11 u 12.
([10]) Ara, b'mod partikolari, is-Sentenza tat-13 ta' Lulju 1988, Ir-Repubblika ta' Franza vs Il-Kummissjoni, 102/87, EU:C:1988:391.
([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 927/2012 tad-9 ta' Ottubru 2012 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 304, 31.10.2012, p. 1).
([12]) *Sors:* l-Eurostat
([13]) L-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat li ma tkunx skont il-liġi Għajnuna mill-Istat (ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22).

(54) Ġew adottati linji gwida speċifiċi għall-għajnuna għar-riċerka. L-għajnuna li ngħatat bejn t-28 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2006 għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp ([14]) (minn hawn' il quddiem: "Qafas Komunitarju 1996"). Kwalunkwe għajnuna mogħtija wara l-1 ta' Jannar 2007 għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni ([15]) (minn issa 'l quddiem: "Qafas Komunitarju 2007–2013").

(55) Is-submiżuri BY2, BY11 u BY13 jikkwalifikaw bħala riċerka industrijali kif definit skont it-tieni inċiż tal-Anness I tal-Qafas Komunitarju 1996 u fil-punt 2.2(f) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013 billi dawk is-submiżuri kellhom l-għan ta' titjib sinifikanti u tal-ksib ta' għarfien dwar il-prodotti tal-ħalib u l-proċessi ta' produzzjoni u kellhom implikazzjonijiet prattiċi għas-settur tal-ħalib. Ir-riżultati ta' dawn il-proġetti ta' riċerka setgħu jintużaw direttament mill-impriżi fis-settur tal-prodotti tal-ħalib fiċ-ċikli tal-produzzjoni tagħhom bl-intenzjoni li jiġu prodotti prodotti tal-ħalib ta' kwalita ogħla. Pereżempju, il-proġett ta' riċerka taħt is-submiżura BY 2 kien relatat ma' żieda fil-kontenut tal-proteini tal-ħalib u kien hemm impriżi privati direttament involuti f'dan il-proġett; il-proġett ta' riċerka taħt is-submiżura BY 11 kellu x'jaqsam ma' analiżi moderna tal-kwalità tal-ħalib u l-proġett ta' riċerka taħt is-submiżura BY 13 kellu x'jaqsam mal-istabbiliment tas-sistema ta' bijosensers ġdida għall-ittestjar ta' rutina fil-prattika.

(56) Il-kompatibbilità tal-ispejjeż eliġibbli diġà ġiet ivvalutata b'mod pożittiv fid-Deċiżjoni tal-ftuħ (ara l-premessi 203 u 209 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ). Għalhekk, l-intensità tal-għajnuna għandha tiġi vvalutata (ara l-premessi 204, 205, 210 u 211 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ) (ara l-premessa 5 ta' din id-deċiżjoni).

Submiżura BY 2

(57) Is-submiżura BY 2 għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-Qafas Komunitarju 2007-2013 billi l-għajnuna ngħatat għall-perjodu 2008-2012.

(58) Skont il-punt 5.1.2(b) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013, hija permessa intensità ta' għajnuna sa' 50 % għar-riċerka industrijali. L-intensità tal-għajnuna għas-submiżura BY 2 kienet ta' 25 % (ara l-premessa 19 ta' din id-Deċiżjoni) u b'hekk fi ħdan il-limitu legali permess.

(59) Jista' għalhekk jiġi konkluż li s-submiżura BY 2 hija kompatibbli mas-suq intern billi tħarset l-intensità tal-għajnuna speċifikata fil-punt 5.1.2(b) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013.

Submiżura BY 11

(60) Billi s-submiżura BY 11 ingħatat bejn is-sena 2002 u s-sena 2011, din l-għajnuna għandha tiġi vvalutata fid-dawl taż-żewġ linji gwida għall-għajnuna għar-riċerka: il-Qafas Komunitarju tal-1996 għall-perjodu ta' implimentazzjoni mit-28 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Diċembru 2006 u l-Qafas Komunitarju 2007-2013 għall-perjodu ta' implimentazzjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2011.

(61) Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni mit-28 ta' Novembru 2001 sal-31 ta' Diċembru 2006 l-intensità tal-għajnuna permessa għar-riċerka industrijali kienet ta' 50 % (il-punt 5.3 tal-Qafas Komunitarju tal-1996). 10 punti perċentwali addizzjonali ġew permessi meta l-għajnuna ġiet mogħtija lil SME (il-punt 5.10.1 tal-Qafas Komunitarju tal-1996). Żieda oħra ta' 10 punti perċentwali kienet permessa fejn ir-riżultati tal-proġett ġew imxerrda b'mod estensiv u ppubblikati (il-punt 5.10.4(c) tal-Qafas Komunitarju tal-1996). L-għajnuna mogħtija taħt is-submiżura BY 11 tikkonforma mar-regoli tal-intensità tal-għajnuna billi din l-għajnuna ġiet mogħtija lill-SMEs u r-riżultati kienu ppreżentati f'avvenimenti u pubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u nazzjonali differenti u ammontaw għal inqas minn 70 % tal-ispejjeż eliġibbli (ara l-premessa 22 u t-Tabella 2 ta' din id-Deċiżjoni).

(62) Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2011 l-intensità tal-għajnuna permessa għar-riċerka industrijali kienet ta' 50 % (punt 5.1.2(b) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013). 10 punti perċentwali addizzjonali ġew permessi meta ngħatat l-għajnuna lil SME (il-punt 5.1.3(a) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013). Żieda oħra ta' 15-il punt perċentwali, sa massimu ta' intensità ta' għajnuna ta' 80 % ġiet permessa fejn ir-riżultati tal-proġett ġew imxerrda b'mod estensiv u ppubblikati (il-punt 5.1.3(c) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013). L-għajnuna mogħtija taħt is-submiżura BY 11 tikkonforma ma' dawk ir-regoli tal-intensità tal-għajnuna billi dik l-għajnuna ġiet mogħtija lill-SMEs u r-riżultati kienu ppreżentati f'avvenimenti u pubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u nazzjonali differenti u ammontaw għal inqas minn 75 % tal-ispejjeż eliġibbli (ara l-premessa 21 u tabella 3 ta' din id-Deċiżjoni).

([14]) Il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, (ĠU C 45, 17.2.1996, p. 5).
([15]) Il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, (ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1).

(63) Il-benefiċjarju, Verein Milchwirtschaftlicher Allgäu-Schwaben e. V, jikkwalifika bħala SME billi l-għadd ta' impjegati u l-fatturat annwali tiegħu huma taħt il-limiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([16]) (ara l-premessa 23). Il-lista ta' avvenimenti u ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u nazzjonali differenti msemmija fl-istess premessa ssemmi madwar 38 konferenzi pubbliċi u 29 pubblikazzjoni.

Submiżura BY13

(64) Is-submiżura BY 13 għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-Qafas tal-Komunità 2007-2013 minħabba li l-għajnuna ngħatat fl-2010.

(65) Din l-intensità tal-għajnuna permessa għar-riċerka industrijali kienet ta' 50 % (il-punt 5.1.2(b) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013). 10 punti perċentwali addizzjonali ġew permessi meta ngħatat l-għajnuna lil SME (il-punt 5.1.3(a) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013). Żieda oħra ta' 15-il punt perċentwali, sa massimu ta' intensità ta' għajnuna ta' 80 % ġiet permessa fejn ir-riżultati tal-proġett ġew imxerrda b'mod estensiv u ppubblikati (il-punt 5.1.3(c) tal-Qafas Komunitarju 2007-2013). L-għajnuna mogħtija taħt is-submiżura BY 13 tikkonforma mar-regoli tal-intensità tal-għajnuna billi din l-għajnuna ġiet mogħtija lill-SMEs u r-riżultati kienu ppreżentati f'avvenimenti u pubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u nazzjonali differenti u ammontaw għal inqas minn 75 % tal-ispejjeż eliġibbli (ara l-premessi 26 u 27 ta' din id-Deċiżjoni).

(66) Il-benefiċjarju, Milchprüfring Bayern e. V, jikkwalifika bħala SME billi l-għadd ta' impjegati u l-fatturat annwali tiegħu huma taħt il-limiti stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([17]) (ara l-premessa 29). Il-lista ta' avvenimenti u ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u nazzjonali differenti msemmija fl-istess premessa ssemmi madwar 12 konferenzi pubbliċi u 12 pubblikazzjoni.

Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tas-submiżuri ta' għajnuna

(67) Jista' jiġi konkluż għalhekk li s-submiżuri BY 2, BY 11 u BY 13 huma kompatibbli mas-suq intern.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-submiżura BY12 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Artikolu 2

L-għajnuna mill-Istat mogħtija b'mod illegali mill-Ġermanja għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Novembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2012 għas-submiżuri BY2, BY11 u BY13 bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

([16]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.
([17]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1089

tas-16 ta' Ġunju 2017

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE rigward l-inklużjoni tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, tal-Georgia u tar-Repubblika ta' Kiribati fil-lista tal-pajjiżi terzi u territorji li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem

(notifikata bid-dokument C(2017) 4049)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali. B'mod partikolari, jipprevedi li l-prodotti li joriġinaw mill-annimali għandhom jiġu importati biss minn pajjiż terz jew minn parti ta' pajjiż terz li jidher fuq lista mfassla f'konformità ma' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jipprevedi wkoll li meta jitfasslu u jiġu aġġornati tali listi, għandhom jitqiesu l-kontrolli tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u l-garanziji min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-konformità jew l-ekwivalenza mal-liġi tal-Unjoni rigward l-għalf u l-ikel u r-regoli dwar is-saħħa tal-annimali speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ([3]) telenka dawk il-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji msemmija fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 u li għalhekk huma f'pożizzjoni li jiggarantixxu li dawk il-prodotti jissodisfaw il-kundizzjonijiet sanitarji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sabiex tiġi protetta saħħet il-konsumaturi, u skont dan jistgħu jiġu esportati lejn l-Unjoni. B'mod partikolari, l-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem. Dik il-lista tindika wkoll ir-restrizzjonijiet dwar tali importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi.

(4) L-awtoritajiet kompetenti tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u tal-Georgia talbu lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd fl-Unjoni. Seħħew kontrolli tal-Unjoni fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u fil-Georgia li juru li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu garanziji xierqa kif speċifikat fl-Artikolu 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Abbażi tal-informazzjoni u l-garanziji disponibbli, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Georgia jistgħu jiġu inklużi fil-lista tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE għall-prodotti tas-sajd.

(5) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Kiribati talbu lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd fl-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Kiribati pprovdew garanziji bil-miktub li jitqiesu xierqa kif speċifikat fl-Artikolu 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli u abbażi ta' dawk il-garanziji, ir-Repubblika ta' Kiribati tista' tiġi inkluża fil-lista tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE għall-prodotti tas-sajd.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2006/766/KE tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE tas-6 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin:

(1) bejn l-entrata għall-Grenada u l-entrata għall-Ghana:

"GE	il-Georgia"	

(2) bejn l-entrata għall-Kenja u l-entrata għall-Korea t'Isfel:

"KI	ir-Repubblika ta' Kiribati"	

(3) bejn l-entrata għal Madagascar u l-entrata għall-Myanmar:

"MK	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (*)	

(*) l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż se tiġi miftiehma wara n-negozjati attwali fil-livell tan-NU."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

RETTIFIKA

Rettifika għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/850/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi regoli għad-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u r-rappurtar dwar il-kwalità tal-arja ambjentali

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 335 tas-17 ta' Diċembru 2011)

Fil-paġna 94 fl-Anness I, fil-Parti B, fit-tabella dwar il-"Sustanzi li jniġġsu li għalihom trid tiġi rrappurtata biss dejta vvalidata",

minflok:

"Nikil	Saħħa	TV	Sena Kalendarja waħda	Medja annwali	10 ng/m^3"

aqra:

"Nikil	Saħħa	TV	Sena Kalendarja waħda	Medja annwali	20 ng/m^3"

Fil-paġna 95 fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar il-"Formazzjoni tal-PM $_{2,5}$",

minflok:

"1047	SO_4^{2+} f$PM_{2,5}$	Sulfat f$PM_{2,5}$	µg/m^3"

aqra:

"1047	SO_4^{2-} f$PM_{2,5}$	Sulfat f$PM_{2,5}$	µg/m^3"

Fil-paġna 95 fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar il-"Metalli Tqal",

minflok:

"5012	Pb	Ċomb fPM_{10}	µg/m^3
5014	Cd	Kadmju fPM_{10}	ng/m^3
5018	As	Arseniku fPM_{10}	ng/m^3
5015	Ni	Nikil fPM_{10}	ng/m^3"

aqra:

"5012	Pb fPM_{10}	Ċomb fPM_{10}	µg/m^3
5014	Cd fPM_{10}	Kadmju fPM_{10}	ng/m^3
5018	As fPM_{10}	Arseniku fPM_{10}	ng/m^3
5015	Ni fPM_{10}	Nikil fPM_{10}	ng/m^3"

Fil-paġna 95, fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar id-"Depozitu ta' Metalli Tqal",

minflok:

"2012	Depożitu ta' Pb	depożitu niedi/totali ta' Pb	µg/m^2.ġurnata
2014	Depożitu ta' Cd	depożitu niedi/totali ta' Cd	µg/m^2.ġurnata
2018	Depożitu ta' As	depożitu niedi/totali ta' As	µg/m^2.ġurnata
2015	Depożitu ta' Ni	depożitu niedi/totali ta' Ni	µg/m^2.ġurnata"

aqra:

"7012	Depożitu ta' Pb	depożitu niedi/totali ta' Pb	µg/m^2.ġurnata
7014	Depożitu ta' Cd	depożitu niedi/totali ta' Cd	µg/m^2.ġurnata
7018	Depożitu ta' As	depożitu niedi/totali ta' As	µg/m^2.ġurnata
7015	Depożitu ta' Ni	depożitu niedi/totali ta' Ni	µg/m^2.ġurnata"

Fil-paġna 95, fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar il-"Merkurju",

minflok:

"5013	Hg partikulat	Merkurju partikulat	ng/m^3"

aqra:

"5013	Hg f'PM_{10}	Merkurju f'PM_{10}	ng/m^3"

Fil-paġna 96, fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar il-"Komponimenti Organiċi Volatili"

minflok: "Komponimenti Organiċi Volatili"

aqra: "Komposti Organiċi Volatili";

Fil-paġna 96, fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar il-"Komponimenti Organiċi Volatili"

minflok:

"316	$H_3C\text{-}CH_2\text{-}CH(CH_3)_2$	2-metilbutan (i-pentan)	µg/m^3"

aqra:

"450	$H_3C\text{-}CH_2\text{-}CH(CH_3)_2$	2-metilbutan (i-pentan)	µg/m^3"

Fil-paġna 97, fl-Anness I, fil-Parti C, fit-tabella dwar il-"Komponimenti Organiċi Volatili",

minflok:

"21	$C_6H_5\text{-}C_2H_5$	Toluwen	µg/m^3
431	m,p-$C_6H_4(CH_3)_2$	Benżin etiliku	µg/m^3
464	o-$C_6H_{4\text{-}}(CH_3)_2$	m,p-ksilen	µg/m^3
482	o-$C_6H_3\text{-}(CH_3)_3$	o-ksilen	µg/m^3"

aqra:

"21	$C_6H_5\text{-}CH_3$	Toluwen	µg/m^3
431	$C_6H_5\text{-}C_2H_5$	Benżin etiliku	µg/m^3
464	m,p-$C_6H_4(CH_3)_2$	m,p-ksilen	µg/m^3
482	o-$C_6H_4(CH_3)_2$	o-ksilen	µg/m^3"

Rettifika tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 11 tas-17 ta' Jannar 2015)

F'paġna 51, fl-Artikolu 3(27),

minflok: "“bank promozzjonali” tfisser kwalunkwe impriża jew entità stabbilita minn Stat Membru, gvern ċentrali jew reġjonali, li jagħti self promozzjonali fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jippromwovi l-objettivi tal-politika pubblika ta' dak il-gvern, sakemm dak il-gvern ikollu obbligu li jipproteġi l-bażi ekonomika tal-impriża jew l-entità u jżomm l-vijabbiltà tagħha tul ħajjitha, jew li tal-anqas 90 % tal-fondi oriġinali tiegħu jew tas-self promozzjonali li jagħti jkun direttament jew indirettament garantit mill-gvern ċentrali jew reġjonali tal-Istat Membru;",

aqra: "“bank promozzjonali” tfisser kwalunkwe impriża jew entità stabbilita minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru li jagħti self promozzjonali fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jippromwovi l-objettivi tal-politika pubblika ta' dak il-gvern, sakemm dak il-gvern ikollu obbligu li jipproteġi l-bażi ekonomika tal-impriża jew l-entità u jżomm l-vijabbiltà tagħha tul ħajjitha, jew li tal-anqas 90 % tal-fondi oriġinali tiegħu jew tas-self promozzjonali li jagħti jkun direttament jew indirettament garantit minn dak il-gvern;".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT